PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni*

**2010/2307(INI)**

17.3.2011

# EMENDI 1 - 225

**Abbozz ta' rapport**
**Milan Zver**
(PE454.618v01-00)

Żgħażagħ Attivi - qafas biex jittejbu s-sistemi Ewropej ta' edukazzjoni u taħriġ (2010/2307(INI))

AM_Com_NonLegReport

**Emenda 1**
**Milan Zver**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 2 a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2010 dwar l-inizjattiva Żgħażagħ [Attivi], li jirrikonoxxu l-importanza ta' approċċ transsettorjali aktar integrat bħala reazzjoni għall-isfidi li jiffaċċjaw iż-żgħażagħ,*** |

Or. en

**Emenda 2**
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 11 a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tad-9 ta' Ġunju 2010 dwar "Impetu ġdid għall-kooperazzjoni Ewropea fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali biex tiġi appoġġjata l-istrateġija Ewropa 2020" (COM(2010)296),*** |

Or. de

**Emenda 3**
**Maria Badia i Cutchet, Eider Gardiazábal Rubial**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi ż-żgħażagħ batew b'mod*** |

| | |
|---|---|
| | ***partikularment ħażin minħabba l-kriżi u r-rata ta' qgħad fost iż-żgħażagħ fl-UE hi ta' aktar minn 20%, li hi darbtejn il-medja għall-adulti, u f'xi Stati Membri hi aktar minn 40%,*** |

Or. es

**Emenda 4**
**Milan Zver**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi l-inizjattiva Żgħażagħ Attivi ssaħħaħ l-Istrateġija eżistenti tal-UE għaż-żgħażagħ (COM(2009)0200) billi tarma liż-żgħażagħ bl-għerf ***u l-kapaċitajiet*** meħtieġa ***għall-aċċess għas-suq tax-xogħol***, | C. billi l-inizjattiva Żgħażagħ Attivi ssaħħaħ l-Istrateġija eżistenti tal-UE għaż-żgħażagħ (COM(2009)0200) billi tarma liż-żgħażagħ bl-għerf***, il-kapaċitajiet u l-kompetenzi*** meħtieġa ***għax-xogħol u l-ħajja***, |

Or. en

**Emenda 5**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi l-inizjattiva Żgħażagħ Attivi ssaħħaħ l-Istrateġija eżistenti tal-UE għaż-żgħażagħ (COM(2009)0200) billi tarma liż-żgħażagħ bl-għerf u l-kapaċitajiet meħtieġa għall-aċċess għas-suq tax-xogħol, | C. billi l-inizjattiva Żgħażagħ Attivi ssaħħaħ l-Istrateġija eżistenti tal-UE għaż-żgħażagħ (COM(2009)0200) billi tarma liż-żgħażagħ bl-għerf u l-kapaċitajiet meħtieġa***, b'mod partikulari,*** għall-aċċess għas-suq tax-xogħol, |

Or. fr

**Emenda 6**
**Marek Henryk Migalski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| D. billi Żgħażagħ Attivi, inizjattiva emblematika tal-istrateġija UE 2020, hi mmirata biex issaħħaħ il-ġibda tal-edukazzjoni ogħla ***tal-Ewropa*** u l-kwalità globali ta' kull livell tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-kwalità tal-mobilità tal-istudju u tax-xogħol permezz ta' użu aħjar tal-programmi eżistenti Ewrope, | D. billi Żgħażagħ Attivi, inizjattiva emblematika tal-istrateġija UE 2020, hi mmirata biex issaħħaħ il-ġibda tal-edukazzjoni ogħla ***fl-Ewropa*** u l-kwalità globali ta' kull livell tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-kwalità tal-mobilità tal-istudju u tax-xogħol permezz ta' użu aħjar tal-programmi eżistenti Ewrope, |

Or. pl

**Emenda 7**
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| D. billi Żgħażagħ Attivi, inizjattiva emblematika tal-istrateġija UE 2020, hi mmirata biex issaħħaħ il-ġibda tal-edukazzjoni ogħla tal-Ewropa u l-kwalità globali ta' kull livell tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-kwalità tal-mobilità tal-istudju u tax-xogħol permezz ta' użu aħjar tal-programmi eżistenti Ewrope, | D. billi Żgħażagħ Attivi, inizjattiva emblematika tal-istrateġija UE 2020, hi mmirata biex issaħħaħ il-ġibda tal-edukazzjoni ogħla tal-Ewropa u l-kwalità globali ta' kull livell tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-kwalità tal-mobilità tal-istudju u tax-xogħol permezz ta' użu aħjar tal-programmi eżistenti Ewrope ***fis-sura attwali tagħhom***, |

Or. de

**Emenda 8**
**Katarína Neveďalová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ea. billi l-President tal-Kummissjoni ddikjara li, sal-2020, iż-żgħażagħ kollha fl-Ewropa jrid ikollhom il-possibilità li jqattgħu parti mill-mogħdija tagħhom fl-edukazzjoni fi Stati Membri oħrajn,*** |

Or. en

**Emenda 9**
**Rui Tavares**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ea. billi, minħabba d-deklin progressiv fl-investiment pubbliku fl-universitajiet u ż-żieda sussegwenti fil-miżati u/jew it-tnaqqis fl-appoġġ soċjali u l-għotjiet għall-istudju, għadd dejjem jikber ta' studenti qed jitlaq qabel iż-żmien mis-sistema universitarja, fatt li qed iwassal biex id-distakk soċjali jsir dejjem iktar estensiv,*** |

Or. pt

**Emenda 10**
**Maria Badia i Cutchet, Eider Gardiazábal Rubial**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ea. billi l-kapital uman hu għodda strateġika biex jiġi żgurat żvilupp ekonomiku u soċjali b'suċċess tas-soċjetajiet tagħna,*** |

Or. es

**Emenda 11**
**Marek Henryk Migalski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***F. billi l-kostijiet ekonomiċi ta' nuqqas ta' rendiment edukattiv huma sinifikattivament ogħla mill-kostijiet tal-kriżi finanzjarja,*** | ***imħassar*** |

Or. pl

**Emenda 12**
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***F. billi l-kostijiet ekonomiċi ta' nuqqas ta' rendiment edukattiv huma sinifikattivament ogħla mill-kostijiet tal-kriżi finanzjarja,*** | ***imħassar*** |

Or. de

**Emenda 13**
**Georgios Papanikolaou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***F a. billi, abbażi tad-data tal-Europass, numru dejjem jiżdied ta' żgħażagħ qed jesprimu xewqa li jivvjaġġaw fl-Unjoni*** |

| | |
|---|---|
| | ***Ewropea għal skopijiet ta' edukazzjoni jew xogħol,*** |

Or. el

**Emenda 14**
**Marie-Thérèse Sanchez-Schmid**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa G**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| G. billi l-edukazzjoni hi fundamentali biex jitrawmu l-kreattività u l-potenzjal innovattiv taż-żgħażagħ; billi l-edukazzjoni tagħti lin-nies l-għodda neċessarja biex jiżviluppaw intelletwalment ***u soċjalment***, | G. billi l-edukazzjoni hi fundamentali biex jitrawmu l-kreattività u l-potenzjal innovattiv taż-żgħażagħ; billi l-edukazzjoni tagħti lin-nies l-għodda neċessarja biex jiżviluppaw intelletwalment***, jidħlu fis-suq tax-xogħol, jiżviluppaw bħala persuna u jassumu r-rwol soċjali u ċiviku tagħhom,*** |

Or. fr

**Emenda 15**
**Milan Zver**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa G**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| G. billi l-edukazzjoni hi fundamentali biex jitrawmu l-kreattività u l-potenzjal innovattiv taż-żgħażagħ; billi l-edukazzjoni tagħti lin-nies l-għodda neċessarja biex jiżviluppaw intelletwalment u soċjalment, | G. billi l-edukazzjoni hi fundamentali biex jitrawmu l-kreattività u l-potenzjal innovattiv taż-żgħażagħ; billi l-edukazzjoni tagħti lin-nies l-għodda neċessarja biex jiżviluppaw ***emozzjonalment,*** intelletwalment u soċjalment, |

Or. en

**Emenda 16**
**Marek Henryk Migalski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa H**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| H. billi diversi riċerki juru li l-mobilità tikkontribwixxi lejn ***sens ta' ċittadinanza Ewropea*** u involviment fil-proċessi demokratiċi, | H. billi diversi riċerki juru li l-mobilità tikkontribwixxi lejn ***soċjetà ċivili attiva*** u involviment fil-proċessi demokratiċi, |

Or. pl

**Emenda 17**
**Rui Tavares**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa H**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| H. billi diversi riċerki juru li l-mobilità ***tikkontribwixxi*** lejn sens ta' ċittadinanza Ewropea u involviment fil-proċessi demokratiċi, | H. billi diversi riċerki juru li l-mobilità ***u l-aċċess għall-impjiegi jikkontribwixxu*** lejn sens ta' ċittadinanza Ewropea u involviment fil-proċessi demokratiċi, |

Or. pt

**Emenda 18**
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa H a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ha. billi l-programmi ta' mobilità jistgħu jżidu l-opportunitajiet fis-suq tax-xogħol għaż-żgħażagħ imħarrġa tajjeb, imma ta' spiss mhumiex aċċessibbli għal dawk b'livell baxx ta' kwalifiki,*** |

Or. de

**Emenda 19**
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa H b (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Hb. billi l-programmi ta' mobilità għandhom ikunu aċċessibbli għaż-żgħażagħ kollha, irrispettivament mit-tip ta' edukazzjoni li jkunu għażlu,*** |

Or. de

**Emenda 20**
**Marek Henryk Migalski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa I**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| I. billi l-proċess ta' Bologna, fl-ewwel deċennju tiegħu, iltaqa' ma' ħafna diffikultajiet fl-implimentazzjoni tal-objettivi tiegħu għall-iżvilupp tal-qasam tal-edukazzjoni ogħla ***Ewropea***, | I. billi l-proċess ta' Bologna, fl-ewwel deċennju tiegħu, iltaqa' ma' ħafna diffikultajiet fl-implimentazzjoni tal-objettivi tiegħu għall-iżvilupp tal-qasam tal-edukazzjoni ogħla ***fl-Ewropa, inkluż nuqqas ta' rikonoxximent transkonfinali tar-riżultati tal-eżamijiet universitarji u mobilità limitata tal-letturi,*** |

Or. pl

**Emenda 21**
**Rui Tavares**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ia (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ia. billi l-universitajiet huma r-riżerva ewlenija għall-ideat li għandhom il-potenzjal li jwasslu għal irkupru mill-kriżi ekonomika u finanzjarja, u għaldaqstant hu importanti li tiġi ppreżervata l-awtonomija tagħhom,*** |

Or. pt

**Emenda 22**
**Rui Tavares**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa J a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ja. billi d-diffikultà dejjem tikber biex jinstab impjieg stabbli u mħallas b'mod ġust hi l-għajn ewlieni ta' instabilità soċjali u sentiment anti-Ewropew dejjem jikber,*** |

Or. pt

**Emenda 23**
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa J a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ja. billi t-tranżizzjoni nnifisha mill-edukazzjoni u t-taħriġ għax-xogħol tippreżenta liż-żgħażagħ bi sfida ewlenija,*** |

Or. de

**Emenda 24**
**Marek Henryk Migalski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa K**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| K. billi l-kriżi enfasizzat il-ħtieġa li l-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħna jiġu rriformati, u l-urġenza ta' sistemi għal edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali ta' kwalità għolja fuq xiex jissejsu dawn ir-riformi, biex ***l-Ewropa tkun armata*** aħjar biex ***taffaċċja*** l-isfidi ta' llum u ta' għada, | K. billi l-kriżi enfasizzat il-ħtieġa li l-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħna jiġu rriformati, u l-urġenza ta' sistemi għal edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali ta' kwalità għolja fuq xiex jissejsu dawn ir-riformi, biex ***il-pajjiżi Ewropej ikunu armati*** aħjar biex ***jaffaċċjaw*** l-isfidi ta' llum u ta' għada, |

Or. pl

**Emenda 25**
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa K a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ka. billi r-rata ta' qgħad fost iż-żgħażagħ li toqrob il-21% hi waħda mill-isfidi l-aktar urġenti fl-Ewropa,*** |

Or. de

**Emenda 26**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa L**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L. billi l-volontarjat jirrappreżenta opportunità importanti ***biex jinkisbu*** aktar kompetenzi, ***peress li jgħin liż-żgħażagħ jiżviluppaw sens ta'*** responsabilità soċjali, | L. billi l-volontarjat jirrappreżenta opportunità importanti ***għall-akwiżizzjoni ta'*** aktar kompetenzi, ***l-assunzjoni ta'*** responsabilità soċjali, ***il-fehim tal-*** |

| | |
|---|---|
| speċjalment fil-qafas tas-Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011, | ***importanza tal-integrazzjoni soċjali u l-iżvolġiment ta' rwol attiv bħala ċittadini Ewropej f'firxa wiesgħa ta' oqsma, u billi dik l-opportunità għandha tiġi promossa,*** speċjalment fil-qafas tas-Sena Ewropea tal-Volontarjat 2011, |

Or. fr

**Emenda 27**
**Marco Scurria, Katarína Neveďalová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa L a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***La. billi l-organizzazzjonijiet għaż-żgħażagħ huma dawk li prinċipalment ifornu edukazzjoni mhux formali, komplimentarja għall-edukazzjoni formali, li hi essenzjali biex iż-żgħażagħ jiġu armati bil-kapaċitajiet u l-kompetenzi sabiex isiru ċittadini attivi u jiġi ffaċilitat l-aċċess tagħhom għas-suq tax-xogħol; permezz ta' dan, l-organizzazzjonijiet għaż-żgħażagħ jgħinu biex jinkisbu l-għanijiet tal-istrateġija Ewropa 2020,*** |

Or. en

**Emenda 28**
**Marco Scurria, Katarína Neveďalová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa M**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| M. billi l-involviment taż-żgħażagħ fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet għandu rwol pivotali sabiex jipprovdilhom sens ta' sjieda u jiżgura li qed jikkontribwixxu b'mod attiv il-fehmiet tagħhom għal | M. billi l-involviment taż-żgħażagħ ***u tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ li jirrappreżentawhom*** fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet għandu rwol pivotali sabiex jipprovdilhom sens ta' sjieda u |

strateġija taż-żgħażagħ,

jiżgura li qed jikkontribwixxu b'mod attiv il-fehmiet tagħhom għal strateġija taż-żgħażagħ,

Or. en

**Emenda 29**
**Milan Zver**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa M**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| M. billi l-involviment taż-żgħażagħ fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet għandu rwol pivotali sabiex jipprovdilhom sens ta' sjieda u jiżgura li qed jikkontribwixxu b'mod attiv il-fehmiet tagħhom għal strateġija taż-żgħażagħ, | M. billi l-involviment taż-żgħażagħ ***u tad-diversi organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ li jirrappreżentawhom*** fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet għandu rwol pivotali sabiex jipprovdilhom sens ta' sjieda u jiżgura li qed jikkontribwixxu b'mod attiv il-fehmiet tagħhom għal strateġija taż-żgħażagħ, |

Or. en

**Emenda 30**
**Chrysoula Paliadeli**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa M a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***M a. billi objettiv ċentrali tal-inizjattiva "Żgħażagħ Attivi" hu l-estensjoni tal-koeżjoni Ewropea u l-ħolqien ta' ċittadini li huma konxji tal-identità Ewropea tagħhom,*** |

Or. el

**Emenda 31**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa M a (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ma. billi għadd kbir ta' żgħażagħ qed isibu lilhom nnfushom intrappolato f'qgħad fit-tul, impjieg inċert jew sottoimpjieg u qed ikollhom jaffrontaw problemi finanzjarji u ta' akkomodazzjoni,*** |

Or. fr

**Emenda 32**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa M b (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Mb. billi n-numru ta' żgħażagħ li jistgħu jsiefru, b'mod partikulari skont il-programmi tal-UE, mhuwiex qed jiżdied malajr biżżejjed, u billi hemm inugwaljanzi kbar skont il-grupp soċjali u l-post ta' residenza,*** |

Or. fr

**Emenda 33**
**Maria Badia i Cutchet, Eider Gardiazábal Rubial**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jilqa' l-inizjattiva Żgħażagħ Attivi bħala inizjattiva politika biex jitħeġġu l-programmi eżistenti fil-qasam tal- | 1. Jilqa' l-inizjattiva Żgħażagħ Attivi bħala inizjattiva politika biex jitħeġġu l-programmi eżistenti fil-qasam tal- |

| | |
|---|---|
| edukazzjoni, il-mobilità u ***ż-żgħażagħ*** u bħala inkoraġġiment għall-Istati Membri biex jilħqu l-miri tal-istrateġija UE 2020; | edukazzjoni, il-mobilità u ***l-impjiegi għaż-żgħażagħ*** u bħala inkoraġġiment għall-Istati Membri biex jilħqu l-miri tal-istrateġija UE 2020; |

Or. en

**Emenda 34**
**Marek Henryk Migalski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Jisħaq fuq il-fatt li l-inizjattiva Żgħażagħ Attivi tħeġġeġ lill-istabbilimenti tal-edukazzjoni ogħla jgħollu l-istandards tagħhom billi jrawmu koperazzjoni akbar mal-istabbilimenti fid-dinja kollha u jindika li l-koperazzjoni mal-istabbilimenti tal-Istati Uniti jistgħu jkunu ta' benefiċċju partikulari f'dan ir-rigward;*** |

Or. pl

**Emenda 35**
**Marie-Thérèse Sanchez-Schmid**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Jindika li l-investiment fl-edukazzjoni hu, bla ebda dubju, essenzjali għal kull tkabbir u żvilupp sostenibbli u li, anke fi żminijiet ta' kriżi ekonomika, il-finanzjament taż-żgħażagħ u l-edukazzjoni m'għandux jiġi kkunsidrat bħala spiża fiż-żmien attwali, imma bħala investiment fil-ġejjieni tal-Ewropa; | *(ma taffetwax il-verżjoni Maltija)* |

Or. fr

**Emenda 36**
**Georgios Papanikolaou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Jiddispjaċih dwar il-fatt li, skont il-Kummissjoni, l-iskedi nazzjonali mfasslin mill-Istati Membri biex javvanzaw l-objettivi edukattivi tal-istrateġija 'Ewropa 2020' mhumiex biżżejjed;*** |

Or. el

**Emenda 37**
**Jutta Steinruck, Petra Kammerevert**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Jisħaq fuq il-fatt li l-kriżi ma tridx tintuża bħala raġuni biex jitnaqqsu l-ispejjeż edukattivi, peress li l-edukazzjoni ta' livell ogħla għaż-żgħażagħ hi meħtieġa biex jintgħeleb l-impatt tal-kriżi; jisħaq, għaldaqstant, fuq il-fatt li ż-żgħażagħ kollha għandu jkollhom aċċess b'xejn għall-iskola, it-taħriġ vokazzjonali u l-edukazzjoni ogħla;*** |

Or. de

**Emenda 38**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Jirrikonoxxi l-fatt li wieħed mill-għanijiet tal-edukazzjoni ogħla jrid ikun l-iżgurar tal-impjegabilità, imma jindika li trid wkoll tistimola l-kreattività u l-innovattività taż-żgħażagħ u tgħinhom jiżviluppaw intelletwalment u soċjalment;*** |

Or. fr

**Emenda 39**
**Marek Henryk Migalski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jirrikonoxxi li s-suċċess tal-inizjattiva Żgħażagħ Attivi jiddependi fil-biċċa l-kbira tiegħu fuq l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet fundamentali tagħha min-naħa tal-Istati Membri; ***jistieden għaldaqstant lill-Kummissjoni Ewropea timmonitora mill-qrib u tanalizza l-elementi kruċjali waqt l-implimentazzjoni bl-intenzjoni li tgħin lill-Istati Membri fil-proċess;*** | 3. Jirrikonoxxi li s-suċċess tal-inizjattiva Żgħażagħ Attivi jiddependi fil-biċċa l-kbira tiegħu fuq l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet fundamentali tagħha min-naħa tal-Istati Membri; |

Or. pl

**Emenda 40**
**Emma McClarkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jirrikonoxxi li s-suċċess tal-inizjattiva Żgħażagħ Attivi jiddependi fil-biċċa l-kbira tiegħu fuq l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet fundamentali tagħha min-naħa | 3. Jirrikonoxxi li s-suċċess tal-inizjattiva Żgħażagħ Attivi jiddependi fil-biċċa l-kbira tiegħu fuq l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet fundamentali tagħha min-naħa |

| | |
|---|---|
| tal-Istati Membri; jistieden għaldaqstant lill-Kummissjoni Ewropea ***timmonitora mill-qrib u tanalizza l-elementi kruċjali waqt l-implimentazzjoni bl-intenzjoni li tgħin*** lill-Istati Membri fil-proċess; | tal-Istati Membri; jistieden għaldaqstant lill-Kummissjoni Ewropea ***tappoġġa*** lill-Istati Membri ***u tgħin*** fil-proċess ***ta' implimentazzjoni;*** |

Or. en

**Emenda 41**
**Ramon Tremosa i Balcells**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jirrikonoxxi li s-suċċess tal-inizjattiva Żgħażagħ Attivi jiddependi fil-biċċa l-kbira tiegħu fuq l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet fundamentali tagħha min-naħa tal-Istati Membri; jistieden għaldaqstant lill-Kummissjoni Ewropea timmonitora *mill-qrib* u tanalizza l-elementi kruċjali waqt l-implimentazzjoni bl-intenzjoni li tgħin lill-Istati Membri fil-proċess; | 3. Jirrikonoxxi li s-suċċess tal-inizjattiva Żgħażagħ Attivi jiddependi fil-biċċa l-kbira tiegħu fuq l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet fundamentali tagħha min-naħa tal-Istati Membri ***u r-reġjoni tagħhom b'kompetenzi fir-rigward tal-politiki dwar iż-żgħażagħ***; jistieden għaldaqstant lill-Kummissjoni Ewropea timmonitora u tanalizza *b'attenzjoni* l-elementi kruċjali waqt l-implimentazzjoni bl-intenzjoni li tgħin lill-Istati Membri fil-proċess; |

Or. en

**Emenda 42**
**Oriol Junqueras Vies**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jirrikonoxxi li s-suċċess tal-inizjattiva Żgħażagħ Attivi jiddependi fil-biċċa l-kbira tiegħu fuq l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet fundamentali tagħha min-naħa tal-Istati Membri; jistieden għaldaqstant lill-Kummissjoni Ewropea timmonitora | 3. Jirrikonoxxi li s-suċċess tal-inizjattiva Żgħażagħ Attivi jiddependi fil-biċċa l-kbira tiegħu fuq l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet fundamentali tagħha min-naħa tal-Istati Membri ***u l-gvernijiet reġjonali b'setgħat leġiżlattivi fil-qasam tal-*** |

*mill-qrib* u tanalizza l-elementi kruċjali waqt l-implimentazzjoni bl-intenzjoni li tgħin lill-Istati Membri fil-proċess;

***kwistjonijiet taż-żgħażagħ u l-edukazzjoni***; jistieden għaldaqstant lill-Kummissjoni Ewropea timmonitora u tanalizza *b'attenzjoni* l-elementi kruċjali waqt l-implimentazzjoni bl-intenzjoni li tgħin lill-Istati Membri fil-proċess;

Or. es

**Emenda 43**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jirrikonoxxi li s-suċċess tal-inizjattiva Żgħażagħ Attivi jiddependi fil-biċċa l-kbira tiegħu fuq l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet fundamentali tagħha min-naħa tal-Istati Membri; jistieden għaldaqstant lill-Kummissjoni Ewropea timmonitora *mill-qrib* u tanalizza l-elementi kruċjali waqt l-implimentazzjoni bl-intenzjoni li tgħin lill-Istati Membri fil-proċess; | 3. Jirrikonoxxi li s-suċċess tal-inizjattiva Żgħażagħ Attivi jiddependi fil-biċċa l-kbira tiegħu fuq l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet fundamentali tagħha min-naħa tal-Istati Membri; jistieden għaldaqstant lill-Kummissjoni Ewropea timmonitora u tanalizza *b'attenzjoni**, speċifikament billi tintroduċi indikaturi preċiżi u tieħu passi neċessarji oħra,*** l-elementi kruċjali waqt l-implimentazzjoni ***ta' dawn l-azzjonijiet fundamentali,*** bl-intenzjoni li tgħin lill-Istati Membri fil-proċes; |

Or. fr

**Emenda 44**
**Ramona Nicole Mănescu, Damien Abad, Eider Gardiazábal Rubial, Pablo Zalba Bidegain, Franziska Katharina Brantner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jirrikonoxxi li s-suċċess tal-inizjattiva Żgħażagħ Attivi jiddependi fil-biċċa l-kbira tiegħu fuq l-implimentazzjoni tal- | 3. Jirrikonoxxi li s-suċċess tal-inizjattiva Żgħażagħ Attivi jiddependi fil-biċċa l-kbira tiegħu fuq l-implimentazzjoni tal- |

azzjonijiet fundamentali tagħha min-naħa tal-Istati Membri; jistieden għaldaqstant lill-Kummissjoni Ewropea timmonitora *mill-qrib* u tanalizza l-elementi kruċjali waqt l-implimentazzjoni bl-intenzjoni li tgħin lill-Istati Membri fil-proċess;

azzjonijiet fundamentali tagħha min-naħa tal-Istati Membri; jistieden għaldaqstant lill-Kummissjoni Ewropea timmonitora u tanalizza *b'attenzjoni* l-elementi kruċjali waqt l-implimentazzjoni bl-intenzjoni li tgħin lill-Istati Membri ***u tiżgura koordinament aħjar bejnithom*** fil-proċess;

Or. en

**Emenda 45**
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jirrikonoxxi li s-suċċess tal-inizjattiva Żgħażagħ Attivi jiddependi fil-biċċa l-kbira tiegħu fuq l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet fundamentali tagħha min-naħa tal-Istati Membri; jistieden għaldaqstant lill-Kummissjoni Ewropea timmonitora *mill-qrib* u tanalizza l-elementi kruċjali waqt l-implimentazzjoni bl-intenzjoni li tgħin lill-Istati Membri fil-proċess; | 3. Jirrikonoxxi li s-suċċess tal-inizjattiva Żgħażagħ Attivi jiddependi fil-biċċa l-kbira tiegħu fuq l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet fundamentali tagħha min-naħa tal-Istati Membri; jistieden għaldaqstant lill-Kummissjoni Ewropea timmonitora u tanalizza *b'attenzjoni* l-elementi kruċjali waqt l-implimentazzjoni***, abbażi ta' indikaturi ta' progress,*** bl-intenzjoni li tgħin lill-Istati Membri fil-proċess; |

Or. de

**Emenda 46**
**Sidonia Elżbieta Jędrzejewska**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 3 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Jirrakkomanda li l-istituzzjonijiet Ewropej iwaqqfu Djalogu Strutturat fil-qasam tal-Edukazzjoni fi ħdan il-qafas għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ għall-2020 biex il-partijiet interessati fil-qasam tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***edukazzjoni jiġu kompletament involuti fl-implimentazzjoni tal-miżuri edukattivi tal-inizjattiva Żgħażagħ Attivi f'koperazzjoni mad-Djalogu Strutturat dwar iż-Żgħażagħ;*** |

Or. en

**Emenda 47**
**Ramona Nicole Mănescu, Damien Abad, Eider Gardiazábal Rubial, Pablo Zalba Bidegain, Franziska Katharina Brantner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta b'mod regolari lill-Parlament Ewropew dwar l-effikaċità tal-azzjonijiet fundamentali tal-inizjattiva Żgħażagħ Attivi; | 4. Jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta b'mod regolari lill-Parlament Ewropew dwar l-effikaċità tal-azzjonijiet fundamentali tal-inizjattiva Żgħażagħ Attivi ***u l-progress reġistrat mill-Istati Membri***; |

Or. en

**Emenda 48**
**Marco Scurria, Katarína Neveďalová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Jirrakkomanda li l-istituzzjonijiet Ewropej iwaqqfu Djalogu Strutturat fil-qasam tal-Edukazzjoni fi ħdan il-qafas għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ fl-2020 biex il-partijiet interessati fil-qasam tal-edukazzjoni jiġu kompletament involuti fl-implimentazzjoni tal-miżuri edukattivi tal-inizjattiva Żgħażagħ Attivi f'koperazzjoni mad-Djalogu Strutturat dwar iż-Żgħażagħ;*** |

Or. en

**Emenda 49**
**Maria Badia i Cutchet, Eider Gardiazábal Rubial**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli ***tinvesti*** fil-programmi tal-mobilità u ż-żgħażagħ bħat-Tagħlim Tul il-Ħajja (Erasmus, Leonardo da Vinci, Comenius, Grundtvig), Marie Curie, Erasmus Mundus u Żgħażagħ fl-Azzjoni; | 5. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli ***żżid progressivament l-investimenti*** fil-programmi tal-mobilità u ż-żgħażagħ bħat-Tagħlim Tul il-Ħajja (Erasmus, Leonardo da Vinci, Comenius, Grundtvig), Marie Curie, Erasmus Mundus u Żgħażagħ fl-Azzjoni***, kif ukoll fis-Servizz Volontarju Ewropew***; |

Or. en

**Emenda 50**
**Emma McClarkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli ***tinvesti*** fil-programmi tal-mobilità u ż-żgħażagħ bħat-Tagħlim Tul il-Ħajja (Erasmus, Leonardo da Vinci, Comenius, Grundtvig), Marie Curie, Erasmus Mundus u Żgħażagħ fl-Azzjoni; | 5. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli ***tagħti appoġġ*** fil-programmi tal-mobilità u ż-żgħażagħ bħat-Tagħlim Tul il-Ħajja (Erasmus, Leonardo da Vinci, Comenius, Grundtvig), Marie Curie, Erasmus Mundus u Żgħażagħ fl-Azzjoni; |

Or. en

**Emenda 51**
**Ramona Nicole Mănescu, Damien Abad, Eider Gardiazábal Rubial, Pablo Zalba Bidegain, Franziska Katharina Brantner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tinvesti ***fil-programmi*** tal-mobilità u ż-żgħażagħ bħat-Tagħlim Tul il-Ħajja (Erasmus, Leonardo da Vinci, Comenius, Grundtvig), Marie Curie, Erasmus Mundus u Żgħażagħ fl-Azzjoni; | 5. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tinvesti ***u ttejjeb il-programmi*** tal-mobilità u ż-żgħażagħ bħat-Tagħlim Tul il-Ħajja (Erasmus, Leonardo da Vinci, Comenius, Grundtvig), Marie Curie, Erasmus Mundus u Żgħażagħ fl-Azzjoni; |

Or. en

**Emenda 52**
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tinvesti fil-programmi tal-mobilità u ż-żgħażagħ bħat-Tagħlim Tul il-Ħajja (Erasmus, Leonardo da Vinci, Comenius, Grundtvig), Marie Curie, Erasmus Mundus u Żgħażagħ fl-Azzjoni; | 5. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tinvesti fil-programmi tal-mobilità u ż-żgħażagħ bħat-Tagħlim Tul il-Ħajja (Erasmus, Leonardo da Vinci, Comenius, Grundtvig), Marie Curie, Erasmus Mundus u Żgħażagħ fl-Azzjoni ***fis-sura attwali tagħhom***; |

Or. de

**Emenda 53**
**Milan Zver**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli | 5. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli |

| | |
|---|---|
| tinvesti fil-programmi tal-mobilità u ż-żgħażagħ bħat-Tagħlim Tul il-Ħajja (Erasmus, Leonardo da Vinci, Comenius, Grundtvig), Marie Curie, Erasmus Mundus u Żgħażagħ fl-Azzjoni; | tinvesti fil-programmi tal-mobilità u ż-żgħażagħ bħat-Tagħlim Tul il-Ħajja (Erasmus, Leonardo da Vinci, Comenius, Grundtvig), Marie Curie, Erasmus Mundus u Żgħażagħ fl-Azzjoni; ***tkompli tinvesti fil-koperazzjoni mal-pajjiżi kandidati u potenzjalment kandidati. kif ukoll tippreżenta proposta għall-ġenerazzjoni li jmiss ta' programmi tal-mobilità u ż-żgħażagħ f'konformità mal-objettivi tal-istrateġija għall-2020;*** |

Or. en

**Emenda 54**
**Marie-Thérèse Sanchez-Schmid**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tinvesti fil-programmi tal-mobilità u ż-żgħażagħ bħat-Tagħlim Tul il-Ħajja (Erasmus, Leonardo da Vinci, Comenius, Grundtvig), Marie Curie, Erasmus Mundus u Żgħażagħ fl-Azzjoni; | 5. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tinvesti fil-programmi tal-mobilità u ż-żgħażagħ bħat-Tagħlim Tul il-Ħajja (Erasmus, Leonardo da Vinci, Comenius, Grundtvig), Marie Curie, Erasmus Mundus u Żgħażagħ fl-Azzjoni; ***jitlob li ssir promozzjoni aktar effikaċi ta' dawn il-programmi u li l-gruppi tal-popolazzjoni fil-mira tagħhom isiru aktar konxji tal-opportunitajiet li jipprovdu;*** |

Or. fr

**Emenda 55**
**Marco Scurria, Katarína Neveďalová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli | 5. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli |

| | |
|---|---|
| tinvesti fil-programmi tal-mobilità u ż-żgħażagħ bħat-Tagħlim Tul il-Ħajja (Erasmus, Leonardo da Vinci, Comenius, Grundtvig), Marie Curie, Erasmus Mundus u Żgħażagħ fl-Azzjoni; | tinvesti fil-programmi tal-mobilità u ż-żgħażagħ bħat-Tagħlim Tul il-Ħajja (Erasmus, Leonardo da Vinci, Comenius, Grundtvig), Marie Curie, Erasmus Mundus u Żgħażagħ fl-Azzjoni; ***u tippreżenta proposta għall-ġenerazzjoni li jmiss ta' programmi tal-mobilità u ż-żgħażagħ li jkunu jilħqu l-għan li ż-żgħażagħ Ewropej kollha jkunu mobbli sal-2020;*** |

Or. en

**Emenda 56**
**Ramona Nicole Mănescu, Damien Abad, Eider Gardiazábal Rubial, Pablo Zalba Bidegain, Franziska Katharina Brantner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 5 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Jistieden lill-Kummissjoni żżomm Programm "Żgħażagħ fl-Azzjoni" separat għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss;*** |

Or. en

**Emenda 57**
**Marek Henryk Migalski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jistieden lill-Istati Membri ***jiżguraw investiment akbar fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ f'kull livell u*** jappoġġaw finanzjarjament l-implimentazzjoni tal-programmi ta' mobilità tal-UE fil-livell nazzjonali; | 6. Jistieden lill-Istati Membri jappoġġaw finanzjarjament l-implimentazzjoni tal-programmi ta' mobilità tal-UE fil-livell nazzjonali ***u jisħaq fuq il-fatt li d-deċiżjonijiet rigward l-edukazzjoni u l-istrateġija u l-finanzjament għall-iskejjel għandhom jittieħdu mill-Istati Membri;*** |

Or. pl

**Emenda 58**
**Emma McClarkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. ***Jistieden*** lill-Istati Membri jiżguraw investiment ***akbar*** fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ f'kull livell u jappoġġaw finanzjarjament l-implimentazzjoni tal-programmi ta' mobilità tal-UE fil-livell nazzjonali; | 6. ***Iħeġġeġ*** lill-Istati Membri jiżguraw investiment ***adegwat*** fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ f'kull livell u***, fejn ikun xieraq,*** jappoġġaw finanzjarjament l-implimentazzjoni tal-programmi ta' mobilità tal-UE fil-livell nazzjonali; |

Or. en

**Emenda 59**
**Hella Ranner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. ***Jistieden*** lill-Istati Membri jiżguraw investiment akbar fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ f'kull livell u jappoġġaw finanzjarjament l-implimentazzjoni tal-programmi ta' mobilità tal-UE fil-livell nazzjonali; | 6. ***Jitlob*** lill-Istati Membri jiżguraw investiment akbar fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ f'kull livell u jappoġġaw finanzjarjament l-implimentazzjoni tal-programmi ta' mobilità tal-UE fil-livell nazzjonali; |

Or. en

**Emenda 60**
**Oriol Junqueras Vies**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw investiment akbar fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ f'kull livell u jappoġġaw finanzjarjament l-implimentazzjoni tal-programmi ta' mobilità tal-UE fil-livell nazzjonali; | 6. Jistieden lill-Istati Membri ***u lill-gvernijiet reġjonali b'setgħat leġiżlattivi fil-qasam tal-kwistjonijiet taż-żgħażagħ u l-edukazzjoni*** jiżguraw investiment akbar fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ f'kull livell u jappoġġaw finanzjarjament l-implimentazzjoni tal-programmi ta' mobilità tal-UE fil-livell nazzjonali; |

Or. es

**Emenda 61**
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw investiment akbar fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ f'kull livell u jappoġġaw finanzjarjament l-implimentazzjoni tal-programmi ta' mobilità tal-UE fil-livell nazzjonali; | 6. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw investiment akbar fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ f'kull livell u jappoġġaw finanzjarjament l-implimentazzjoni tal-programmi ta' mobilità tal-UE fil-livell nazzjonali***, kif ukoll jiżguraw jew jgħollu l-kwalità tal-edukazzjoni b'mod ġenerali***; |

Or. de

**Emenda 62**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Hu kritiku ħafna tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi, f'koperazzjoni mal-Bank Ewropew tal-*** |

***Investiment, sistema Ewropea ta' self għall-istudenti biex tissuplimenta l-iskemi tal-Istati Membri, u jindika li l-istudenti m'għandhom ikunu rikjesti jħallsu l-ebda spejjeż tal-mobilità;***

Or. fr

**Emenda 63**
**Emma McClarkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Jargumenta li l-Kummissjoni għandha tikkonsolida l-programmi edukattivi eżistenti qabel ma tidħol għal kwalunkwe inizjattiva ġdida;*** |

Or. en

**Emenda 64**
**Maria Badia i Cutchet, Eider Gardiazábal Rubial**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Jistieden lill-Unjoni Ewropea tutilizza l-istrumenti finanzjarji proprji tagħha sabiex tgħin liż-żgħażagħ, billi tagħmel użu aħjar tal-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Fond Ewropew tal-Investiment;*** |

Or. es

**Emenda 65**
**Milan Zver**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jimmiraw għal investiment totali ta' mill-inqas 2% tal-PDG fl-edukazzjoni ogħla, rata li hi rrakkomandata mill-Kummissjoni fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir u l-Impjiegi bħala r-rata minima rikjesta għall-ekonomiji li jagħmlu użu intensiv tal-għerf;*** |

Or. en

**Emenda 66**
**Iosif Matula**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 6 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza tal-programmi edukattivi flessibbli li huma kompatibbli mal-impjieg simultanju;*** |

Or. ro

**Emenda 67**
**Ramona Nicole Mănescu, Damien Abad, Eider Gardiazábal Rubial, Pablo Zalba Bidegain, Franziska Katharina Brantner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jirrakkomanda li l-istituzzjonijiet Ewropej isaħħu d-djalogu strutturat mal- | 7. Jirrakkomanda li l-istituzzjonijiet Ewropej isaħħu d-djalogu strutturat mal- |

| | |
|---|---|
| organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u l-partijiet interessati l-oħra biex jiddibattu l-prijoritajiet u l-azzjonijiet għaż-żgħażagħ; | organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u l-partijiet interessati l-oħra biex jiddibattu l-prijoritajiet u l-azzjonijiet għaż-żgħażagħ***, biex b'hekk iż-żgħażagħ jingħataw iktar opportunitajiet biex jieħdu sehem fit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar il-kwistjonijiet li jolqtuhom;*** |

Or. en

**Emenda 68**
**Maria Badia i Cutchet, Eider Gardiazábal Rubial**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jirrakkomanda li l-istituzzjonijiet Ewropej isaħħu d-djalogu strutturat mal-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u l-partijiet interessati l-oħra biex jiddibattu l-prijoritajiet u l-azzjonijiet għaż-żgħażagħ; | 7. Jirrakkomanda li l-istituzzjonijiet Ewropej isaħħu d-djalogu strutturat mal-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u l-partijiet interessati l-oħra biex jiddibattu l-prijoritajiet u l-azzjonijiet għaż-żgħażagħ; ***waqt li jippermettu parteċipazzjoni aktar b'saħħitha taż-żgħażagħ fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;*** |

Or. en

**Emenda 69**
**Marco Scurria, Katarína Neveďalová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Jirrakkomanda li l-istituzzjonijiet Ewropej isaħħu d-djalogu strutturat mal-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u l-partijiet interessati l-oħra biex jiddibattu l-prijoritajiet u l-azzjonijiet għaż-żgħażagħ; | 7. Jirrakkomanda li l-istituzzjonijiet Ewropej isaħħu d-djalogu strutturat mal-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u l-partijiet interessati l-oħra biex jiddibattu l-prijoritajiet u l-azzjonijiet għaż-żgħażagħ ***u biex jagħtu segwitu għall-inizjattiva "Żgħażagħ Attivi"***; |

Or. en

**Emenda 70**
**Marco Scurria, Katarína Neveďalová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jimmiraw għal investiment totali ta' 2% tal-PDG fl-edukazzjoni ogħla, rata li hi rrakkomandata mill-Kummissjoni fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir u l-Impjiegi bħala r-rata minima rikjesta għall-ekonomiji li jagħmlu użu intensiv tal-għerf;*** |

Or. en

**Emenda 71**
**Ramon Tremosa i Balcells**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Jirrikonoxxi l-kontribut importanti tal-gvernijiet reġjonali u lokali biex iqanqlu l-mobilità;*** |

Or. en

**Emenda 72**
**Marek Henryk Migalski, Piotr Borys**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*

***7a. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE, fid-dawl tal-fatt li l-mobilità taż-żgħażagħ tista' tgħin fl-appoġġ tal-proċessi demokratiċi, jistabbilixxu qafas li jippermetti li ż-żgħażagħ mill-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant jieħdu sehem attiv fil-programm "Żgħażagħ Attivi", biex b'hekk jingħataw opportunitajiet għal tagħlim aħjar liż-żgħażagħ kemm mill-Istati Membri tal-UE u kemm mill-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant;***

Or. pl

**Emenda 73**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*

***7a. Jenfasizza l-importanza li tiġi ffaċilitata wkoll il-mobilità tal-għalliema, ta' dawk li jaħdmu maż-żgħażagħ u l-ħaddiema soċjali, peress li jistgħu jaġixxu ta' katalisti għaż-żgħażagħ li jiġu taħt is-superviżjoni tagħhom;***

Or. fr

**Emenda 74**
**Ramona Nicole Mănescu, Damien Abad, Eider Gardiazábal Rubial, Pablo Zalba Bidegain, Franziska Katharina Brantner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7 a (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*

***7a. Jenfasizza l-importanza li ż-żgħażagħ***

| | |
|---|---|
| | ***ma jiġux inklużi biss fis-suq tax-xogħol u l-ekonomija, imma anke fit-tiswir u l-iggvernar tal-ġejjieni tal-Ewropa; jiltob lill-Kummissjoni toħroġ Green Paper dwar il-Parteċipazzjoni taż-Żgħażagħ;*** |

Or. en

**Emenda 75**
**Cătălin Sorin Ivan**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Jitlob li ż-żgħażagħ ikunu involuti b'mod attiv f'kull stadju tal-programmi tal-UE, mit-tfassil sal-implimentazzjoni;*** |

Or. en

**Emenda 76**
**Marek Henryk Migalski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jaqbel li l-azzjoni trid tittieħed minn età bikrija sabiex ir-rata ta' dawk li jitilqu prematurament mill-iskola titnaqqas għal 10%, kif miftiehem fl-Istrateġija UE 2020; ***jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill għat-tisħiħ tal-isforzi tal-Istati Membri biex inaqqsu r-rati ta' dawk li ma jkomplux l-iskola;*** | 8. Jaqbel li l-azzjoni trid tittieħed minn età bikrija sabiex ir-rata ta' dawk li jitilqu prematurament mill-iskola titnaqqas għal 10%, kif miftiehem fl-Istrateġija UE 2020; |

Or. pl

**Emenda 77**
**Emma McClarkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jaqbel li l-azzjoni trid tittieħed minn età bikrija sabiex ir-rata ta' dawk li jitilqu prematurament mill-iskola titnaqqas ***għal 10%, kif miftiehem fl-Istrateġija UE 2020***; jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill għat-tisħiħ tal-isforzi tal-Istati Membri biex inaqqsu r-rati ta' dawk li ma jkomplux l-iskola; | 8. Jaqbel li l-azzjoni trid tittieħed minn età bikrija sabiex ir-rata ta' dawk li jitilqu prematurament mill-iskola titnaqqas ***b'mod sinifikattiv;*** jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill għat-tisħiħ tal-isforzi tal-Istati Membri biex inaqqsu r-rati ta' dawk li ma jkomplux l-iskola; |

Or. en

**Emenda 78**
**Rui Tavares**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jaqbel li l-azzjoni trid tittieħed minn età bikrija sabiex ir-rata ta' dawk li jitilqu prematurament mill-iskola titnaqqas għal 10%, kif miftiehem fl-Istrateġija UE 2020; jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill għat-tisħiħ tal-isforzi tal-Istati Membri biex inaqqsu r-rati ta' dawk li ma jkomplux l-iskola; | 8. Jaqbel li l-azzjoni trid tittieħed minn età bikrija sabiex ir-rata ta' dawk li jitilqu prematurament mill-iskola titnaqqas għal 10%, kif miftiehem fl-Istrateġija UE 2020; jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill għat-tisħiħ tal-isforzi tal-Istati Membri biex inaqqsu r-rati ta' dawk li ma jkomplux l-iskola ***permezz ta' appoġġ soċjali u għotjiet għall-istudju statali***; |

Or. pt

**Emenda 79**
**Hella Ranner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Jaqbel li l-azzjoni trid tittieħed minn età bikrija sabiex ir-rata ta' dawk li jitilqu prematurament mill-iskola titnaqqas għal 10%, kif miftiehem fl-Istrateġija UE 2020; jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill għat-tisħiħ tal-isforzi tal-Istati Membri biex inaqqsu r-rati ta' dawk li ma jkomplux l-iskola; | 8. Jaqbel li l-azzjoni trid tittieħed minn età bikrija sabiex ir-rata ta' dawk li jitilqu prematurament mill-iskola titnaqqas għal ***anqas minn*** 10%, kif miftiehem fl-Istrateġija UE 2020; jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill għat-tisħiħ tal-isforzi tal-Istati Membri biex inaqqsu r-rati ta' dawk li ma jkomplux l-iskola; |

Or. en

**Emenda 80**
**Malika Benarab-Attou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Jirrikonoxxi r-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-qasam tat-taħriġ u l-mobilità; hu tal-fehma li l-kompetenzi u l-esperjenzi tagħhom għandhom jitqiesu bħala komplementari għall-azzjoni tal-UE; jenfasizza li, sabiex tikseb l-għanijiet tagħha, l-UE għandha tiżviluppa approċċ ta' sħubija, b'mod partikulari mal-awtoritajiet lokali u reġjonali;*** |

Or. en

**Emenda 81**
**Jutta Steinruck, Petra Kammerevert**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8 a. Jisħaq fuq il-fatt li l-ebda żagħżugħ li jkun kellu problemi fil-karriera edukattiva tiegħu għal kwalunkwe raġuni m'għandu jkun mitluf għall-ħajja tax-xogħol, imma li minflok iż-żgħażagħ ta' dan it-tip iridu jirċievu appoġġ immirat; jindika li l-aċċess għall-edukazzjoni ma jridx ikun jiddependi fuq l-istatus soċjali jew finanzjarju tal-ġenituri taż-żagħżugħ; jenfasizza l-importanza tal-mobilità orizzontali f'kull livell tal-edukazzjoni, kemm fl-iskola, kif ukoll waqt it-taħriġ vokazzjonali;*** |

Or. de

**Emenda 82**
**Ramona Nicole Mănescu, Damien Abad, Eider Gardiazábal Rubial, Pablo Zalba Bidegain, Franziska Katharina Brantner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 8 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Jenfasizza li r-rata ta' dawk li jitilqu prematurament mill-iskola, bħala fattur li hu riskju magħruf għall-esklużjoni futura kemm mill-impjieg u kemm mis-soċjetà, trid titnaqqas drastikament; jisħaq fuq il-fatt li dan il-fenomenu jrid jiġi indirizzat b'mod li jolqot diversi aspetti, marbut mal-miżuri soċjali għat-tisħiħ tal-edukazzjoni u t-taħriġ fl-inħawi żvantaġġati;*** |

Or. en

**Emenda 83**
**Emma McClarkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jitlob li jingħataw attenzjoni u appoġġ speċjali lil dawk li qed jirriskjaw l-aktar u ***dawk li qed ifittxu ċans ieħor*** biex jerġgħu lura fl-edukazzjoni wara li jkunu telqu; | 9. Jitlob li jingħataw attenzjoni u appoġġ speċjali lil dawk li qed jirriskjaw l-aktar u ***lill-istudenti l-aktar vulnerabbli*** biex jerġgħu lura fl-edukazzjoni wara li jkunu telqu; |

Or. en

**Emenda 84**
**Oriol Junqueras Vies**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Jitlob li jingħataw attenzjoni u appoġġ speċjali lil dawk li qed jirriskjaw ***l-aktar*** u dawk li qed ifittxu ċans ieħor biex jerġgħu lura fl-edukazzjoni wara li jkunu telqu; | 9. Jitlob li jingħataw attenzjoni u appoġġ speċjali lil dawk li qed jirriskjaw ***l-esklużjoni soċjali*** u dawk li qed ifittxu ċans ieħor biex jerġgħu lura fl-edukazzjoni wara li jkunu telqu; |

Or. es

**Emenda 85**
**Ramona Nicole Mănescu, Damien Abad, Eider Gardiazábal Rubial, Pablo Zalba Bidegain, Franziska Katharina Brantner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. ***Jitlob li jingħataw*** attenzjoni u appoġġ speċjali lil dawk li qed jirriskjaw l-aktar u dawk li qed ifittxu ċans ieħor biex jerġgħu | 9. ***Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu wkoll*** attenzjoni u appoġġ speċjali lil dawk li qed jirriskjaw l-aktar***, il-kategoriji taż-żgħażagħ b'anqas*** |

lura fl-edukazzjoni wara li jkunu telqu;

***opportunitajiet*** u dawk li qed ifittxu ċans ieħor biex jerġgħu lura fl-edukazzjoni wara li jkunu telqu;

Or. en

**Emenda 86**
**Ramona Nicole Mănescu, Damien Abad, Eider Gardiazábal Rubial, Pablo Zalba Bidegain, Franziska Katharina Brantner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 9 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***9a. Jappoġġa b'mod qawwi l-proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Garanzija Ewropea għaż-Żgħażagħ u jħeġġeġ lill-Kunsill jadottaha mill-iktar fis possibbli;*** |

Or. en

**Emenda 87**
**Hella Ranner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jistieden lill-Kummissjoni ***tiġbor*** data fil-livelli nazzjonali u reġjonali dwar ix-xkiel prattiku għall-mobilità, u tieħu passi biex teliminah sabiex tiżgura mobilità ta' kwalità għolja *disponibbli* għal kulħadd; | 10. Jistieden lill-Kummissjoni ***trawwem il-ġbir ta'*** data fil-livelli nazzjonali u reġjonali dwar ix-xkiel prattiku għall-mobilità, u tieħu passi biex teliminah sabiex tiżgura mobilità ta' kwalità għolja *aċċessibbli* għal kulħadd; |

Or. en

**Emenda 88**
**Marie-Thérèse Sanchez-Schmid**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jistieden lill-Kummissjoni tiġbor data fil-livelli nazzjonali ***u*** reġjonali dwar ix-xkiel prattiku għall-mobilità, u tieħu passi biex teliminah sabiex tiżgura mobilità ta' kwalità għolja *disponibbli* għal kulħadd; | 10. Jistieden lill-Kummissjoni tiġbor data fil-livelli nazzjonali***,*** reġjonali ***u lokali*** dwar ix-xkiel prattiku għall-mobilità, u tieħu passi biex teliminah sabiex tiżgura mobilità ta' kwalità għolja *aċċessibbli* għal kulħadd; |

Or. fr

**Emenda 89**
**Ramona Nicole Mănescu, Damien Abad, Eider Gardiazábal Rubial, Pablo Zalba Bidegain, Franziska Katharina Brantner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jistieden lill-Kummissjoni tiġbor data fil-livelli nazzjonali u reġjonali dwar ix-xkiel prattiku għall-mobilità, u tieħu ***passi*** biex teliminah sabiex tiżgura mobilità ta' kwalità għolja *disponibbli* għal kulħadd; | 10. Jistieden lill-Kummissjoni tiġbor data fil-livelli nazzjonali u reġjonali dwar ix-xkiel prattiku għall-mobilità, u tieħu ***l-passi kollha meħtieġa*** biex teliminah sabiex tiżgura mobilità ta' kwalità għolja *aċċessibbli* għal kulħadd***, tul il-proċess sħiħ tal-edukazzjoni, inkluż l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali***; |

Or. en

**Emenda 90**
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 10. Jistieden lill-Kummissjoni tiġbor data fil-livelli nazzjonali u reġjonali dwar ix-xkiel prattiku għall-mobilità, u tieħu passi biex teliminah sabiex tiżgura mobilità ta' kwalità għolja *disponibbli* għal kulħadd; | 10. Jistieden lill-Kummissjoni tiġbor data fil-livelli nazzjonali u reġjonali dwar ix-xkiel prattiku għall-mobilità, ***u/jew tqiegħed id-data ezistenti għad-dispożizzjoni u tistimola l-iskambju tagħha,*** u tieħu passi biex teliminah sabiex tiżgura mobilità ta' kwalità għolja *aċċessibbli* għal kulħadd; |

Or. de

**Emenda 91**
**Georgios Papanikolaou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu aktar inizjattiva għall-mobilità taż-żgħażagħ anke fir-reġjuni ta' ħdejn l-UE;*** |

Or. el

**Emenda 92**
**Róża Gräfin von Thun und Hohenstein, Piotr Borys**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10a. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu azzjoni urġenti għat-tħeġġiġ tal-mobilità taċ-ċittadini bl-intenzjoni li tippromwovi l-edukazzjoni, l-impjiegi u r-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali u jitlob li titwaqqaf "tabella ta' valutazzjoni tal-mobilità" biex titkejjel;*** |

Or. en

**Emenda 93**
**Ramona Nicole Mănescu, Damien Abad, Eider Gardiazábal Rubial, Pablo Zalba Bidegain, Franziska Katharina Brantner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 10 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***10a. Jistieden lill-Kummissjoni żżid u twessa' l-parteċipazzjoni fil-programmi ta' mobilità u ttejjeb il-viżibilità tagħhom, l-aktar dawk li huma mmirati għaż-żgħażagħ, pereżempju billi jintuża isem wieħed biex jindika l-programmi kollha ta' mobilità waqt li jiġu ppreżervati l-ispeċifiċitajiet ta' kull wieħed minnhom.*** |

Or. en

**Emenda 94**
**Malika Benarab-Attou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jindika l-importanza li jittieħdu miżuri biex jiġi żgurat li l-istudenti jkunu mobbli u jkollhom ***sistema tas-sigurtà soċjali u*** tas-saħħa u portabilità sħiħ tal-għotjiet meta jkunu msefrin; | 11. Jindika l-importanza li jittieħdu miżuri biex jiġi żgurat li l-istudenti jkunu mobbli***, awtonomi*** u jkollhom ***aċċess fl-Istati Membri kollha għal kura*** tas-saħħa u ***akkomodazzjoni diċenti bi prezz raġonevoli, kif ukoll*** portabilità sħiħ tal-għotjiet meta jkunu msefrin; |

Or. en

**Emenda 95**
**Hella Ranner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jindika l-importanza li jittieħdu miżuri biex jiġi żgurat li l-istudenti jkunu mobbli u jkollhom sistema tas-sigurtà soċjali u tas-saħħa ***u*** portabilità sħiħ tal-għotjiet meta jkunu msefrin; | 11. Jindika l-importanza li jittieħdu miżuri biex jiġi żgurat li l-istudenti jkunu mobbli, ***peress li dan hu fattur fundamentali fis-sodisfazzjon professjonali u personali u fit-tisħiħ tal-identitià Ewropea; jindika wkoll l-importanza li l-istudenti*** jkollhom sistema tas-sigurtà soċjali u tas-saħħa u portabilità sħiħ tal-għotjiet meta jkunu msefrin; |

Or. de

**Emenda 96**
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jindika l-importanza li jittieħdu miżuri biex jiġi żgurat li ***l-istudenti jkunu*** mobbli u jkollhom sistema tas-sigurtà soċjali u tas-saħħa u portabilità sħiħ tal-għotjiet meta jkunu msefrin; | 11. Jindika l-importanza li jittieħdu miżuri biex jiġi żgurat li ***ż-żgħażagħ fl-edukazzjoni u t-taħriġ ikunu*** mobbli u jkollhom sistema tas-sigurtà soċjali u tas-saħħa u portabilità sħiħ tal-għotjiet meta jkunu msefrin ***u li r-riżultati interim u l-kwalifiki tagħhom jiġu rikonoxxuti fl-Istati Membri kollha;*** |

Or. de

**Emenda 97**
**Ramona Nicole Mănescu, Damien Abad, Eider Gardiazábal Rubial, Pablo Zalba Bidegain, Franziska Katharina Brantner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. ***Jindika*** l-importanza li jittieħdu miżuri biex jiġi żgurat li l-istudenti jkunu mobbli u jkollhom sistema tas-sigurtà soċjali u tas-saħħa u portabilità sħiħ tal-għotjiet meta jkunu msefrin; | 11. ***Jisħaq fuq*** l-importanza li jittieħdu miżuri biex jiġi żgurat li l-istudenti ***tul id-diversi stadji edukattivi*** jkunu mobbli u jkollhom sistema tas-sigurtà soċjali u tas-saħħa u portabilità sħiħ tal-għotjiet meta jkunu msefrin; |

Or. en

**Emenda 98**
**Milan Zver**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jindika l-importanza li jittieħdu miżuri biex jiġi żgurat li l-***istudenti jkunu*** mobbli u jkollhom sistema tas-sigurtà soċjali u tas-saħħa u portabilità sħiħ tal-għotjiet meta jkunu msefrin; | 11. Jindika l-importanza li jittieħdu miżuri biex jiġi żgurat li ***ż-żgħażagħ ikunu*** mobbli u jkollhom sistema tas-sigurtà soċjali u tas-saħħa u portabilità sħiħ tal-għotjiet meta jkunu msefrin; |

Or. en

**Emenda 99**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jindika l-importanza li jittieħdu miżuri biex jiġi żgurat li l-istudenti jkunu mobbli u jkollhom sistema tas-sigurtà soċjali u tas- | 11. Jindika l-importanza li jittieħdu miżuri biex jiġi żgurat li l-istudenti jkunu mobbli u jkollhom sistema tas-sigurtà soċjali u tas- |

| | |
|---|---|
| saħħa u portabilità sħiħ tal-għotjiet meta jkunu msefrin; | saħħa u portabilità sħiħ tal-għotjiet meta jkunu msefrin; ***jitlob biex, b'mod partikulari, tingħata l-kunsiderazzjoni xierqa għall-kwistjoni tal-aċċess għall-opportunitajiet ta' mobilità għaż-żgħażagħ mir-reġjuni insulari;*** |

Or. fr

**Emenda 100**
**Ramona Nicole Mănescu, Damien Abad, Eider Gardiazábal Rubial, Pablo Zalba Bidegain, Franziska Katharina Brantner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11a. Jenfasizza li hemm bżonn ta' finanzjament ambizzjuż biex jiġi sodisfatt l-objettiv li kulħadd jingħata l-opportunità li jwettaq parti mill-edukazzjoni u t-taħriġ tiegħu barra; hu tal-fehma li l-edukazzjoni u t-taħriġ iridu jkunu prijorità għall-Unjoni Ewropea u li dan l-objettiv għandu jkun rifless fil-prospettivi finanzjarji li jmiss;*** |

Or. en

**Emenda 101**
**Ramona Nicole Mănescu, Damien Abad, Eider Gardiazábal Rubial, Pablo Zalba Bidegain, Franziska Katharina Brantner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11 b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***11b. Jirrikonoxxi r-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-qasam tat-taħriġ u l-mobilità; hu tal-fehma li l-kompetenzi u l-esperjenzi tagħhom għandhom jitqiesu bħala komplementari għall-azzjoni tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***UE; jenfasizza li, sabiex tikseb l-għanijiet tagħha, l-UE għandha tiżviluppa approċċ ta' sħubija, b'mod partikulari mal-awtoritajiet lokali u reġjonali;*** |

Or. en

**Emenda 102**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Jirrikonoxxi li l-istudenti b'diżabilità, kif ukoll l-istudenti li jkollhom it-tfal, ***għandhom*** jingħataw appoġġ addizzjonali biex ***jieħdu sehem fil-mobilità***; | 12. Jirrikonoxxi li l-istudenti b'diżabilità, kif ukoll l-istudenti li jkollhom it-tfal, ***iridu*** jingħataw appoġġ addizzjonali biex ***jiksbu aċċess għall-programmi ta' mobilità eżistenti u biex jisfruttaw il-vantaġġi kollha tagħhom u jsibu bilanċ bejn l-istudju, ix-xogħol u l-ħajja;*** |

Or. fr

**Emenda 103**
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Jirrikonoxxi li ***l-istudenti*** b'diżabilità, ***kif ukoll l-istudenti li jkollhom it-tfal***, għandhom jingħataw appoġġ addizzjonali biex jieħdu sehem fil-mobilità; | 12. Jirrikonoxxi li ***ż-żgħażagħ, l-adulti żgħażagħ u l-ġenituri żgħażagħ*** b'diżabilità ***li qed isegwu edukazzjoni jew taħriġ ogħla jew kontinwu*** għandhom jingħataw appoġġ addizzjonali biex jieħdu sehem fil-mobilità; |

Or. de

**Emenda 104**
**Milan Zver**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 12. Jirrikonoxxi li ***l-istudenti*** b'diżabilità, kif ukoll ***l-istudenti*** li jkollhom it-tfal, għandhom jingħataw appoġġ addizzjonali biex jieħdu sehem fil-mobilità; | 12. Jirrikonoxxi li ***ż-żgħażagħ*** b'diżabilità, kif ukoll ***iż-żgħażagħ*** li jkollhom it-tfal, għandhom jingħataw appoġġ addizzjonali biex jieħdu sehem fil-mobilità; |

Or. en

**Emenda 105**
**Iosif Matula**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 12 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***12a. Jenfasizza l-potenzjal tal-mobilità virtwali għaż-żgħażagħ bħala suppliment għall-mobilità ġeografika;*** |

Or. ro

**Emenda 106**
**Maria Badia i Cutchet, Eider Gardiazábal Rubial**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jenfasizza l-importanza ***ta' edukazzjoni*** mhux ***formali***, ***bħat-tagħlim interkulturali***, fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet u kompetenzi importanti; | 13. Jenfasizza l-importanza ***li jiġu rikonoxxuti l-kapaċitajiet miksuba permezz ta' kwalunkwe sura ta' tagħlim, inkluż it-tagħlim formali u*** mhux, ***u r-rwol tagħhom*** fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet u kompetenzi importanti; ***jirrakkomanda wkoll li jitħeġġu proġetti li jsostnu t-trażmissjoni tal-għerf u l-kapaċitajiet*** |

| | |
|---|---|
| | ***minn ġenerazzjoni għall-oħra;*** |

Or. en

**Emenda 107**
**Ramona Nicole Mănescu, Damien Abad, Eider Gardiazábal Rubial, Pablo Zalba Bidegain, Franziska Katharina Brantner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jenfasizza l-importanza ta' edukazzjoni mhux formali, bħat-tagħlim interkulturali, fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet u kompetenzi importanti; | 13. Jenfasizza l-importanza ta' edukazzjoni ***informali u*** mhux formali, bħat-tagħlim interkulturali, fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet u kompetenzi importanti ***li jiżguraw id-dħul fis-suq tax-xogħol u l-adattabilità għall-ħtiġijiet tiegħu;*** |

Or. en

**Emenda 108**
**Malika Benarab-Attou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jenfasizza l-importanza ta' edukazzjoni mhux formali, bħat-tagħlim interkulturali, fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet u kompetenzi importanti; | 13. Jenfasizza l-importanza ta' edukazzjoni mhux formali, bħat-tagħlim interkulturali, ***li jipprovduha wkoll l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u diversi assoċjazzjonijiet li jinkludu l-ħaddiema soċjali u kulturali*** fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet u kompetenzi importanti; |

Or. en

**Emenda 109**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jenfasizza l-importanza ta' edukazzjoni mhux formali, bħat-tagħlim interkulturali, fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet u kompetenzi importanti; | 13. Jenfasizza l-importanza ta' edukazzjoni ***informali u*** mhux formali, bħat-tagħlim interkulturali, fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet u kompetenzi importanti***, u jitlob li l-kapaċitajiet u l-kompetenzi miksuba b'dan il-mod jiġi inklużi fit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Mobilità;*** |

Or. fr

**Emenda 110**
**Hannu Takkula**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jenfasizza l-importanza ta' edukazzjoni mhux formali, bħat-tagħlim interkulturali, fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet u kompetenzi importanti; | 13. Jenfasizza l-importanza ta' edukazzjoni mhux formali, bħat-tagħlim interkulturali, fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet u kompetenzi importanti; ***ifakkar fil-benefiċċji li jistgħu jinkisbu mill-kapital ta' kapaċitajiet u ta' kultura ta' studenti internazzjonali mobbli;*** |

Or. fi

**Emenda 111**
**Katarína Neveďalová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jenfasizza l-importanza ta' edukazzjoni | 13. Jenfasizza l-importanza ta' edukazzjoni |

mhux formali, bħat-tagħlim interkulturali, fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet u kompetenzi importanti;

mhux formali, bħat-tagħlim interkulturali, fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet u kompetenzi importanti ***u jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tippreżenta strateġija komprensiva għall-promozzjoni tal-edukazzjoni mhux formali u għall-appoġġ ta' dawk li jipprovdu edukazzjoni mhux formali***;

Or. en

**Emenda 112**
**Sidonia Elżbieta Jędrzejewska**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jenfasizza l-importanza ta' edukazzjoni mhux formali, bħat-tagħlim interkulturali, fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet u kompetenzi importanti; | 13. Jenfasizza l-importanza ta' edukazzjoni mhux formali, bħat-tagħlim interkulturali, fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet u kompetenzi importanti ***u jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tippreżenta strateġija komprensiva għall-promozzjoni tal-edukazzjoni mhux formali u għall-appoġġ ta' dawk li jipprovdu edukazzjoni mhux formali***; |

Or. en

**Emenda 113**
**Ramon Tremosa i Balcells**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 13. Jenfasizza l-importanza ta' edukazzjoni mhux formali, bħat-tagħlim interkulturali, fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet u kompetenzi importanti; | 13. Jenfasizza l-importanza ta' edukazzjoni mhux formali, bħat-tagħlim interkulturali, fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet u kompetenzi importanti***. F'dan is-sens għandu jingħata appoġġ b'saħħtu għat-tagħlim tal-lingwi li*** |

***titkellem il-maġġoranza taċ-ċittadini fil-belt fejn imorru jgħixu ż-żgħażagħ fil-qafas tal-programmi ta' mobilità Ewropej biex jikber il-valur miżjud tal-esperjenza tagħhom barra;***

Or. en

**Emenda 114**
**Milan Zver**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***13a. Jisħaq fuq l-importanza tal-mobilità fit-tisħiħ tas-sens ta' ċittadinanza Ewropea, it-tisħiħ tal-kultura Ewropea u l-valuri Ewropej ta' rispett reċiproku, it-tisħiħ tal-involviment taż-żgħażagħ fil-proċessi demokratiċi u l-bini ta' dimensjoni Ewropea aktar b'saħħitha fost iż-żgħażagħ;*** |

Or. en

**Emenda 115**
**Sidonia Elżbieta Jędrzejewska**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 13 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***13a. Billi l-organizzazzjonijiet għaż-żgħażagħ huma dawk li prinċipalment ifornu edukazzjoni mhux formali, komplimentarja għall-edukazzjoni formali, li hi essenzjali biex iż-żgħażagħ jiġu armati bil-kapaċitajiet u l-kompetenzi sabiex isiru ċittadini attivi u jiġi ffaċilitat l-aċċess tagħhom għas-suq tax-xogħol; permezz ta' dan, l-organizzazzjonijiet*** |

| | |
|---|---|
| | ***għaż-żgħażagħ jgħinu biex jinkisbu l-għanijiet tal-istrateġija Ewropa 2020,*** |

Or. en

**Emenda 116**
**Emma McClarkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Ifakkar lill-Istati Membri ***jintroduċu t-tagħlim ta' lingwa oħra minn stadju bikri fil-ħajja (skola preprimarja); jindika*** li għal dawk li ma jkunux jafu lingwa oħra, il-mobilità qatt mhu se ssir realtà; | 14. Ifakkar lill-Istati Membri li għal dawk li ma jkunux jafu lingwa oħra, il-mobilità qatt mhu se ssir realtà; |

Or. en

**Emenda 117**
**Hannu Takkula**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Ifakkar lill-Istati Membri ***jintroduċu t-tagħlim ta' lingwa oħra minn stadju bikri fil-ħajja (skola preprimarja)***; ***jindika li għal dawk li ma jkunux jafu lingwa oħra, il-mobilità qatt mhu se ssir realtà;*** | 14. Ifakkar lill-Istati Membri ***jinkludu t-tagħlim ta' lingwa barranija fl-edukazzjoni tat-tfal żgħar;*** |

Or. fi

**Emenda 118**
**Malika Benarab-Attou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Ifakkar lill-Istati Membri jintroduċu t-tagħlim ta' lingwa ***oħra*** minn ***stadju bikri fil-ħajja*** (skola preprimarja); jindika li ***għal dawk li ma jkunux jafu lingwa oħra,*** il-mobilità ***qatt mhu se ssir realtà***; | 14. Ifakkar lill-Istati Membri jintroduċu t-tagħlim ta' lingwa ***ulterjuri*** minn ***kemm jista' jkun kmieni*** (skola preprimarja); jindika li ***l-lingwi huma prekundizzjoni biex wieħed jisfrutta aħjar*** il-mobilità; |

Or. en

**Emenda 119**
**Marek Henryk Migalski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. ***Ifakkar lill-Istati Membri jintroduċu t-tagħlim*** ta' lingwa oħra minn stadju bikri fil-ħajja (skola preprimarja); jindika li għal dawk li ma jkunux jafu lingwa oħra, il-mobilità qatt mhu se ssir realtà; | 14. ***Jisħaq fuq l-importanza tat-tagħlim*** ta' lingwa oħra minn stadju bikri fil-ħajja (skola preprimarja); jindika li għal dawk li ma jkunux jafu lingwa oħra, il-mobilità qatt mhu se ssir realtà; |

Or. pl

**Emenda 120**
**Cătălin Sorin Ivan**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 14. Ifakkar lill-Istati Membri jintroduċu t-tagħlim ta' lingwa oħra minn stadju bikri fil-ħajja (skola preprimarja); jindika li għal dawk ***li ma jkunux jafu lingwa oħra***, il-mobilità qatt mhu se ssir realtà; | 14. Ifakkar lill-Istati Membri jintroduċu t-tagħlim ta' lingwa oħra ***tal-anqas*** minn stadju bikri fil-ħajja (skola preprimarja); jindika li għal dawk ***mingħajr għarfien diversifikat tal-lingwi***, il-mobilità qatt mhu se ssir realtà; |

Or. en

**Emenda 121**
**Hella Ranner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 14. ***Ifakkar*** lill-Istati Membri jintroduċu t-tagħlim ta' lingwa oħra minn stadju bikri fil-ħajja (skola preprimarja); jindika li għal dawk li ma jkunux jafu lingwa oħra, il-mobilità qatt mhu se ssir realtà; | 14. ***Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu u jappoġġaw lill-familja li jitkellmu żewġ lingwi, li, fost affarijiet oħra, loġikament jirriżultaw mill-moviment liberu tal-persuni fl-Ewropa; ifakkar*** lill-Istati Membri jintroduċu t-tagħlim ta' lingwa oħra minn stadju bikri fil-ħajja (skola preprimarja); jindika li għal dawk li ma jkunux jafu lingwa oħra, il-mobilità qatt mhu se ssir realtà; |

Or. en

**Emenda 122**
**Milan Zver**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 14. Ifakkar lill-Istati Membri jintroduċu t-tagħlim ta' lingwa oħra minn stadju bikri fil-ħajja (skola preprimarja); jindika li għal dawk li ma jkunux jafu lingwa oħra, il-mobilità qatt mhu se ssir realtà; | 14. Ifakkar lill-Istati Membri jintroduċu t-tagħlim ta' lingwa ***barranija*** oħra minn stadju bikri fil-ħajja (skola preprimarja); jindika li għal dawk li ma jkunux jafu lingwa ***barranija*** oħra, il-mobilità qatt mhu se ssir realtà; ***jindika l-importanza li dak li jkun jitgħallem il-lingwa tal-pajjiżi ġirien;*** |

Or. en

**Emenda 123**
**Marco Scurria, Katarína Neveďalová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14a. Jinsab konvint li l-programm 'Żgħażagħ fl-Azzjoni' hu kruċjali għall-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fl-Ewropa u li dan il-programm għandu jissaħħaħ u jitkompla;*** |

Or. en

**Emenda 124**
**Hella Ranner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14a. Jisħaq fuq il-funzjoni estremament importanti tal-għalliema fil-faċilitajiet edukattivi bħala mudelli eżemplari u multiplikaturi għall-mobilità;*** |

Or. de

**Emenda 125**
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 14 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***14a. Jilqa' kontribut eventwali mill-Istati Membri għall-isforzi biex jitrawwem il-multilingwiżmu u jħeġġiġhom joffru lit-tfal u ż-żgħażagħ minn familji minn ambjent ta' migrazzjoni l-opportunità li jitgħallmu jiktbu u jitkellmu l-ilsien ta'*** |

*familthom;*

Or. de

**Emenda 126**
**Marek Henryk Migalski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. ***Jilqa' l-azzjonijiet fundamentali ġodda tal-inizjattiva Żgħażagħ Attivi, bħal sit uniku u ċentrali fuq l-internet dwar il-mobilità, karta tal-mobilità u Passaport Ewropew tal-Kapaċitajiet li kollha kemm huma jaġġornaw għodda utli li diġà teżisti fil-qasam*** tal-mobilità; | 15. ***Jitlob biex l-għodda li attwalment tintuża għall-appoġġ u l-promozzjoni*** tal-mobilità ***taż-żgħażagħ tiġi mmodernizzata u aġġornata;*** |

Or. pl

**Emenda 127**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. ***Jilqa'*** l-azzjonijiet fundamentali ġodda tal-inizjattiva Żgħażagħ Attivi, bħal sit uniku u ċentrali fuq l-internet dwar il-mobilità, karta tal-mobilità u Passaport Ewropew tal-Kapaċitajiet li ***kollha kemm huma jaġġornaw għodda utli li diġà teżisti fil-qasam tal-mobilità***; | 15. ***Jittama li*** l-azzjonijiet fundamentali ġodda tal-inizjattiva Żgħażagħ Attivi, bħal sit uniku u ċentrali fuq l-internet dwar il-mobilità, karta tal-mobilità u Passaport Ewropew tal-Kapaċitajiet ***se jiżguraw promozzjoni aktar effikaċi tal-opportunitajiet tal-mobilità għaż-żgħażagħ kollha*** li ***jixtiequ jieħdu sehem, irrispettivament mill-ambjent soċjali tagħhom***; ***jistieden lill-Kummissjoni twettaq kampanji ta' informazzjoni mmirati lejn gruppi speċifiċi, b'mod partikolari fl-inħawi anqas privileġġati, bl-intenzjoni li l-programmi ad hoc jiġu*** |

***promossi b'mod aktar effikaċi f'dawn l-inħawi;***

Or. fr

**Emenda 128**
**Katarína Neveďalová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Jilqa' l-azzjonijiet fundamentali ġodda tal-inizjattiva Żgħażagħ Attivi, bħal sit uniku u ċentrali fuq l-internet dwar il-mobilità, karta tal-mobilità u Passaport Ewropew tal-Kapaċitajiet li kollha kemm huma jaġġornaw għodda utli li diġà teżisti fil-qasam tal-mobilità; | 15. Jilqa' l-azzjonijiet fundamentali ġodda tal-inizjattiva Żgħażagħ Attivi, bħal sit uniku u ċentrali fuq l-internet dwar il-mobilità, karta tal-mobilità ***li tkun tikkumplimenta u ssaħħaħ is-suċċess tal-karti taż-żgħażagħ u tal-istudenti diġà stabbiliti*** u Passaport Ewropew tal-Kapaċitajiet ***li għandu jsir portafoll onlajn tat-tagħlim tul il-ħajja,*** li kollha kemm huma jaġġornaw għodda utli li diġà teżisti fil-qasam tal-mobilità; |

Or. en

**Emenda 129**
**Róża Gräfin von Thun und Hohenstein, Piotr Borys**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 15. Jilqa' l-azzjonijiet fundamentali ġodda tal-inizjattiva Żgħażagħ Attivi, bħal sit uniku u ċentrali fuq l-internet dwar il-mobilità, karta tal-mobilità u Passaport Ewropew tal-Kapaċitajiet li kollha kemm huma jaġġornaw għodda utli li diġà teżisti fil-qasam tal-mobilità; | 15. Jilqa' l-azzjonijiet fundamentali ġodda tal-inizjattiva Żgħażagħ Attivi, bħal sit uniku u ċentrali fuq l-internet dwar il-mobilità, karta tal-mobilità u Passaport Ewropew tal-Kapaċitajiet li kollha kemm huma jaġġornaw għodda utli li diġà teżisti fil-qasam tal-mobilità***. Barra minn hekk, jitlob li tittiejjeb il-viżibilità tal-programmi preżenti u futuri kollha***; |

Or. en

**Emenda 130**
**Jutta Steinruck, Petra Kammerevert**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***15a. Jisħaq fuq l-importanza tal-programm "Żgħażagħ Attivi", li hu strumentali biex iż-żgħażagħ jiġu involuti fis-soċjetà, u jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu tal-għerf miksub mill-programm "Żgħażagħ fl-Azzjoni" waqt l-implimentazzjoni tal-programm "Żgħażagħ Attivi";*** |

Or. de

**Emenda 131**
**Hannu Takkula**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***15 a. Ifakkar li, apparti l-mobilità internazzjonali, għandha titħeġġeġ l-internazzjonalizzazzjoni fl-ambjent domestiku, u jingħata appoġġ għall-ħolqien ta' netwerk ta' koperazzjoni internazzjonali mill-università u l-pajjiż tad-domiċilju tal-istudent; jinnota li l-mobilità virtwali hi forma waħda ta' mobilità li għandha titqies fil-programmi ta' mobilità u taż-żgħażagħ;*** |

Or. fi

**Emenda 132**
**Milan Zver**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***15a. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tippreżenta Green Paper dwar il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ bħala l-proposta konkreta dwar kif jista' jittejjeb ulterjurment l-involviment taż-żgħażagħ fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet;*** |

Or. en

**Emenda 133**
**Marco Scurria, Katarína Neveďalová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***15a. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tippreżenta Green Paper dwar il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ bħala l-proposta konkreta dwar kif jista' jiġi intensifikat l-involviment taż-żgħażagħ fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet;*** |

Or. en

**Emenda 134**
**Sidonia Elżbieta Jędrzejewska**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 15 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***15a. Jinsab konvint li l-programm 'Żgħażagħ fl-Azzjoni' hu kruċjali għall-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fl-Ewropa u*** |

***li dan il-programm għandu jissaħħaħ u jitkompla;***

Or. en

**Emenda 135**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jisħaq fuq l-importanza li jinfetaħ djalogu ġdid, aktar kostruttiv bejn il-partijiet interessati kollha fil-proċess ta' Bologna, ***waqt li*** jitqiesu u jintiżnu l-esperjenzi pożittivi tiegħu, kif ukoll il-fallimenti tiegħu, ***sabiex ikompli jittejjeb***; | 16. Jisħaq fuq l-importanza li jinfetaħ djalogu ġdid, aktar kostruttiv bejn il-partijiet interessati kollha fil-proċess ta' Bologna, ***b'mod partikulari r-rappreżentanti tal-istudenti u tal-għalliema sabiex*** jitqiesu u jintiżnu l-esperjenzi pożittivi tiegħu, kif ukoll il-fallimenti tiegħu ***u jiġi promoss l-aċċess għal edukazzjoni ogħla ta' kwalità għal dawk kollha li jixtiequ jkollhom aċċess ta' dan it-tip;*** |

Or. fr

**Emenda 136**
**Hannu Takkula**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 16. Jisħaq fuq l-importanza li jinfetaħ djalogu ġdid, aktar kostruttiv bejn il-partijiet interessati kollha fil-proċess ta' Bologna, waqt li jitqiesu u jintiżnu l-esperjenzi pożittivi tiegħu, kif ukoll ***il-fallimenti*** tiegħu, sabiex ikompli jittejjeb; | 16. Jisħaq fuq l-importanza li jinfetaħ djalogu ġdid, aktar kostruttiv bejn il-partijiet interessati kollha fil-proċess ta' Bologna, waqt li jitqiesu u jintiżnu l-esperjenzi pożittivi tiegħu, kif ukoll ***il-problemi*** tiegħu, sabiex ikompli jittejjeb; |

Or. fi

**Emenda 137**
**Katarína Neveďalová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 16 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***16a. Jistieden lill-Kummissjoni testendi l-punt fokali tal-Aġenda ta' Modernizzazzjoni għall-Universitajiet, u ġġedded il-prijoritajiet biex jintlaqgħu l-isfidi l-ġodda bħad-Dimensjoni Soċjali tal-edukazzjoni ogħla, il-promozzjoni tat-Tagħlim Iffukat fuq il-Istudent u l-appoġġ tal-Istati Membri biex jinlaħaq il-parametru ta' referenza ta' 40% ta' riżultati;*** |

Or. en

**Emenda 138**
**Rui Tavares**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jemmen b'mod qawwi li l-awtonomija tal-universitajiet hi meħtieġa ***imma fl-istess ħin jisħaq fuq ir-responsabilità tal-universitajiet lejn is-soċjetà***; | 17. Jemmen b'mod qawwi li l-awtonomija tal-universitajiet hi meħtieġa; |

Or. pt

**Emenda 139**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 17. Jemmen b'mod qawwi li l-awtonomija tal-universitajiet hi meħtieġa ***imma fl-istess ħin jisħaq fuq ir-responsabilità tal-universitajiet*** lejn is-soċjetà; | 17. Jemmen b'mod qawwi li l-awtonomija tal-universitajiet hi meħtieġa, ***li ma tikkontradixxix il-fatt li għandhom responsabilità*** lejn is-soċjetà; |

Or. fr

**Emenda 140**
**Rui Tavares**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***17a. Jemmen li l-iżvilupp tat-taħriġ professjonali fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali ma jistax jinkiseb billi l-universitajiet jiċċaħdu mir-riżorsi u jtenni l-ħtieġa li jinżammu universitajiet li huma ta' kwalità għolja f'dak li għandu x'jaqsam mar-riċerka, l-iskambju ta' ideat u l-inklużjoni fid-dibattitu internazzjonali li hu vitali għall-Ewropa;*** |

Or. pt

**Emenda 141**
**Sidonia Elżbieta Jędrzejewska**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 17 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***17a. Jistieden lill-Kummissjoni testendi l-punt fokali tal-Aġenda ta' Modernizzazzjoni għall-Universitajiet, u ġġedded il-prijoritajiet biex jintlaqgħu l-isfidi l-ġodda bħad-Dimensjoni Soċjali tal-edukazzjoni ogħla, il-promozzjoni tat-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Tagħlim Iffukat fuq il-Istudent u l-appoġġ tal-Istati Membri biex jinlaħaq il-parametru ta' referenza ta' 40% ta' riżultati;*** |

Or. en

**Emenda 142**
**Rui Tavares**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***18. Jindika l-ħtieġa li jinstab bilanċ bejn is-sistemi ta' edukazzjoni ogħla fuq naħa u l-ħtiġijiet tal-ekonomija u s-soċjetà b'mod ġenerali fuq l-oħra, permezz ta' kurrikuli xierqa għall-kapaċitajiet u l-impjiegi tal-ġejjieni;*** | ***imħassar*** |

Or. pt

**Emenda 143**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jindika l-ħtieġa li jinstab bilanċ bejn is-sistemi ta' edukazzjoni ogħla fuq naħa u l-ħtiġijiet ***tal-ekonomija u s-soċjetà*** b'mod ġenerali fuq l-oħra, permezz ta' kurrikuli ***xierqa għall-kapaċitajiet*** u ***l-impjiegi tal-ġejjieni***; | 18. Jindika l-ħtieġa li jinstab bilanċ bejn is-sistemi ta' edukazzjoni ogħla fuq naħa u l-ħtiġijiet ***ekonomiċi u soċjali*** b'mod ġenerali fuq l-oħra, permezz ta' kurrikuli ***indirizzati lejn il-ksib tal-għerf, l-għarfien, il-kapaċitajiet u l-esperjenza***; |

Or. fr

**Emenda 144**
**Marco Scurria, Katarína Neveďalová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jindika l-ħtieġa li jinstab bilanċ bejn is-sistemi ta' edukazzjoni ogħla fuq naħa u l-ħtiġijiet tal-ekonomija u s-soċjetà b'mod ġenerali fuq l-oħra, permezz ta' kurrikuli xierqa ***għall-kapaċitajiet*** u ***l-impjiegi*** tal-ġejjieni; | 18. Jindika l-ħtieġa li jinstab bilanċ bejn is-sistemi ta' edukazzjoni ogħla fuq naħa u l-ħtiġijiet tal-ekonomija u s-soċjetà b'mod ġenerali fuq l-oħra, permezz ta' kurrikuli ***li jassiguraw il-kompetenzi u l-kapaċitajiet għas-soċjetà u l-ekonomija*** tal-ġejjieni; |

Or. en

**Emenda 145**
**Emma McClarkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jindika l-ħtieġa li jinstab bilanċ bejn is-sistemi ta' edukazzjoni ogħla fuq naħa u l-ħtiġijiet tal-ekonomija u s-soċjetà b'mod ġenerali fuq l-oħra, permezz ta' kurrikuli xierqa għall-kapaċitajiet u l-impjiegi tal-ġejjieni; | 18. Jindika l-ħtieġa li jinstab bilanċ bejn is-sistemi ta' edukazzjoni ogħla fuq naħa u l-ħtiġijiet tal-ekonomija u s-soċjetà b'mod ġenerali fuq l-oħra, permezz ta' kurrikuli xierqa għall-kapaċitajiet u l-impjiegi tal-ġejjieni***, li jinkludu l-oqsma tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika***; |

Or. en

**Emenda 146**
**Ramona Nicole Mănescu, Damien Abad, Eider Gardiazábal Rubial, Pablo Zalba Bidegain, Franziska Katharina Brantner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 18**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 18. Jindika l-ħtieġa li jinstab bilanċ bejn is- | 18. Jindika l-ħtieġa li jinstab bilanċ bejn is- |

| | |
|---|---|
| sistemi ta' edukazzjoni ogħla fuq naħa u l-ħtiġijiet tal-ekonomija u s-soċjetà b'mod ġenerali fuq l-oħra**,** permezz ta' kurrikuli xierqa għall-kapaċitajiet u l-impjiegi tal-ġejjieni; | sistemi ta' edukazzjoni ogħla fuq naħa u l-ħtiġijiet tal-ekonomija u s-soċjetà b'mod ġenerali fuq l-oħra ***u li jiġu wkoll interkonnessi*** permezz ta' kurrikuli xierqa għall-kapaċitajiet u l-impjiegi tal-ġejjieni; |

Or. en

**Emenda 147**
**Marek Henryk Migalski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jistieden ***lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali jappoġġaw u jsaħħu*** l-koperazzjoni bejn l-universitajiet u n-negozji; | 19. Jistieden ***lill-Istati Membri jippromwovu*** l-koperazzjoni bejn l-universitajiet u n-negozji; |

Or. pl

**Emenda 148**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jistieden lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali jappoġġaw u jsaħħu ***l-koperazzjoni*** bejn l-universitajiet u ***n-negozji***; | 19. Jistieden lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali jappoġġaw u jsaħħu ***d-djalogu*** bejn l-universitajiet ***u l-partijiet interessati kollha (l-għalliema, l-istudenti, il-persunal ta' appoġġ, l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi, it-trade unions u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili) mingħajr ma tiddgħajjef bl-ebda mod l-indipendenza tal-universitajiet;*** |

Or. fr

**Emenda 149**
**Maria Badia i Cutchet, Eider Gardiazábal Rubial**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jistieden lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali jappoġġaw u jsaħħu l-koperazzjoni bejn l-universitajiet u ***n-negozji***; | 19. Jistieden lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali jappoġġaw u jsaħħu l-koperazzjoni bejn l-universitajiet***, iċ-ċentri tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali*** u ***s-settur privat***; |

Or. en

**Emenda 150**
**Marie-Thérèse Sanchez-Schmid**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jistieden lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali jappoġġaw u jsaħħu l-koperazzjoni bejn l-universitajiet u n-negozji; | 19. Jistieden lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali jappoġġaw u jsaħħu l-koperazzjoni bejn l-universitajiet u n-negozji ***bl-intenzjoni li jiġi żgurat koordinament aħjar bejn it-tliet naħat tat-trijangolu tal-għerf, speċifikament ir-riċerka, l-edukazzjoni u l-innovazzjoni***; |

Or. fr

**Emenda 151**
**Ramona Nicole Mănescu, Damien Abad, Eider Gardiazábal Rubial, Pablo Zalba Bidegain, Franziska Katharina Brantner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jistieden lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali jappoġġaw u jsaħħu l-koperazzjoni bejn l-universitajiet u n-negozji; | 19. Jistieden lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali ***jneħħu x-xkiel eżistenti,*** jappoġġaw u jsaħħu l-koperazzjoni bejn l-universitajiet u n-negozji ***u jiffaċilitaw is-sħubijiet bejn dawn it-tnejn***; |

Or. en

**Emenda 152**
**Emma McClarkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 19. Jistieden lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali jappoġġaw u jsaħħu l-koperazzjoni bejn l-universitajiet u n-negozji; | 19. Jistieden lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali jappoġġaw u jsaħħu l-koperazzjoni bejn l-universitajiet u n-negozji ***pereżempju permezz ta' skemi bħad-Djalogu bejn l-Universitajiet u n-Negozji***; |

Or. en

**Emenda 153**
**Iosif Matula**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19a. Jirrikonoxxi l-valur meta l-istudenti jiġu offruti għotjiet għall-istudju minn intrapriżi privati;*** |

Or. ro

**Emenda 154**
**Cătălin Sorin Ivan**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19a. Jistieden lill-Istati Membri jinvestu fir-riforma u l-modernizzazzjoni tal-edukazzjoni ogħla;*** |

Or. en

**Emenda 155**
**Marie-Thérèse Sanchez-Schmid**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 19 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***19a. Jenfasizza l-importanza tal-programmi għall-finanzjament tar-riċerka u l-innovazzjoni li jeżistu taħt il-Programm Qafas dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp u l-politika ta' koeżjoni, u tal-iżgurar ta' koordinament aħjar mal-miżuri edukattivi; jikkunsidra, barra minn hekk, li l-koperazzjoni transkonfinali hi essenzjali għas-suċċess tal-iskema "Żgħażagħ Attivi"; jistieden għaldaqstant lill-partijiet interessati jagħmlu użu sħiħ mill-opportunitajiet disponibbli taħt l-Objettiv tal-Koperazzjoni Territorjali tal-politika ta' koeżjoni;*** |

Or. fr

**Emenda 156**
**Rui Tavares**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

20. Jinkoraġġixxi lill-universitajiet ***iqarrbu l-programmi u l-istrutturi tagħhom lejn il-ħtiġijiet speċifiċi tas-suq tax-xogħol u jesploraw metodi ġodda ta' koperazzjoni ma' kumpaniji privati u pubbliċi***;

*Emenda*

20. Jinkoraġġixxi lill-universitajiet ***jiżguraw il-pluralità tal-programmi sabiex jinkoraġġixxu l-kreattività u sinerġiji ġodda fid-dinja tax-xogħol***;

Or. pt

**Emenda 157**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

20. Jinkoraġġixxi lill-universitajiet ***iqarrbu l-programmi u l-istrutturi tagħhom*** lejn ***il-ħtiġijiet speċifiċi tas-suq*** tax-xogħol u jesploraw metodi ġodda ta' koperazzjoni ***ma' kumpaniji privati u pubbliċi***;

*Emenda*

20. Jinkoraġġixxi lill-universitajiet ***jistabbilixxu, flimkien mal-programmi ta' studju eżistenti li jiffukaw fuq id-diversità tar-riċerka indipendenti, programmi u strutturi addizzjonali li huma orjentati*** lejn ***is-suq*** tax-xogħol u jesploraw metodi ġodda ta' koperazzjoni ***mal-partijiet interessati kollha***;

Or. fr

**Emenda 158**
**Emma McClarkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

20. Jinkoraġġixxi lill-universitajiet iqa***rrbu l-programmi u l-istrutturi tagħhom lejn il-ħtiġijiet speċifiċi*** tas-suq tax-xogħol u jesploraw metodi ġodda ta' koperazzjoni ma' kumpaniji privati u pubbliċi;

*Emenda*

20. Jinkoraġġixxi lill-universitajiet ***jirrikonoxxu l-ħtiġijiet*** speċifiċi tas-suq tax-xogħol u jesploraw metodi ġodda ta' koperazzjoni ma' kumpaniji privati u pubbliċi;

Or. en

**Emenda 159**
**Ramona Nicole Mănescu, Damien Abad, Eider Gardiazábal Rubial, Pablo Zalba Bidegain, Franziska Katharina Brantner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jinkoraġġixxi lill-universitajiet iqarrbu l-programmi u l-istrutturi tagħhom lejn il-ħtiġijiet speċifiċi tas-suq tax-xogħol u ***jesploraw*** metodi ġodda ta' koperazzjoni ma' kumpaniji privati u pubbliċi; | 20. Jinkoraġġixxi lill-universitajiet iqarrbu l-programmi u l-istrutturi tagħhom lejn il-ħtiġijiet speċifiċi tas-suq tax-xogħol***, jikkunsidraw il-ħtieġijiet tan-negozji meta jkunu qed jiżviluppaw il-kurrikuli*** u ***jimmiraw li jsibu*** metodi ġodda ta' koperazzjoni ma' kumpaniji privati u pubbliċi***, waqt li jinkoraġġixxu u jappoġġaw l-imprenditorjat fost iż-żgħażagħ***; |

Or. en

**Emenda 160**
**Marie-Thérèse Sanchez-Schmid**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 20. Jinkoraġġixxi lill-universitajiet iqarrbu l-programmi u l-istrutturi tagħhom lejn il-ħtiġijiet speċifiċi tas-suq tax-xogħol u jesploraw metodi ġodda ta' koperazzjoni ma' kumpaniji privati u pubbliċi; | 20. Jinkoraġġixxi lill-universitajiet iqarrbu l-programmi u l-istrutturi tagħhom lejn il-ħtiġijiet speċifiċi tas-suq tax-xogħol u jesploraw metodi ġodda ta' koperazzjoni ma' kumpaniji privati u pubbliċi ***billi jinkoraġġixxu l-ħolqien ta' sħubijiet bejn is-settur pubbliku u dak privat u ta' sponsorizzazzjonijiet***; |

Or. fr

**Emenda 161**
**Marco Scurria**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 20 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***20a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tistabbilixxi database ta' proġetti innovattivi biex tiffaċilita skambju tal-prattiki tajbin bejn il-proġetti li jkunu diġà ġew sperimentati minn Stati Membri jew universitajiet, sabiex il-gradwati u l-intrapriżi jsiru jafu lil xulxin u jiġi żgurat li l-gradwati jkollhom aċċess immedjat għad-dinja tax-xogħol;*** |

Or. it

**Emenda 162**
**Marek Henryk Migalski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***21. Jissuġġerixxi li, minflok is-sistema għall-klassifikazzjoni globali tal-universitajiet, il-Kummissjoni tintroduċi sistema bbażata fuq l-informazzjoni dwar il-programmi tal-universitajiet Ewropej li, fost affarijiet oħra, tkun tirrapporta b'mod regolari lill-pubbliku dwar l-impjegabilità tal-istudenti f'kull programm;*** | ***imħassar*** |

Or. pl

**Emenda 163**
**Emma McClarkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Jissuġġerixxi li, minflok is-sistema għall-klassifikazzjoni globali tal-universitajiet, il-Kummissjoni ***tintroduċi sistema bbażata*** fuq l-informazzjoni ***dwar il-programmi tal-universitajiet Ewropej li, fost affarijiet oħra, tkun tirrapporta*** b'mod regolari ***lill-pubbliku dwar l-impjegabilità tal-istudenti f'kull programm***; | 21. Jissuġġerixxi li, minflok is-sistema għall-klassifikazzjoni globali tal-universitajiet, il-Kummissjoni ***għandha tutilizza s-sistemi diġà eżistenti, ibbażati*** fuq l-informazzjoni, ***għall-klassifikazzjoni tal-universitajiet u tagħmilhom disponibbli pubblikament onlajn*** b'mod regolari; |

Or. en

**Emenda 164**
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Jissuġġerixxi li, ***minflok is-sistema*** għall-klassifikazzjoni globali tal-universitajiet, il-Kummissjoni tintroduċi sistema bbażata fuq l-informazzjoni dwar il-programmi tal-universitajiet Ewropej li, fost affarijiet oħra, tkun tirrapporta b'mod regolari lill-pubbliku dwar l-impjegabilità tal-istudenti f'kull programm; | 21. Jissuġġerixxi li, ***apparti sistema*** għall-klassifikazzjoni globali tal-universitajiet, il-Kummissjoni tintroduċi sistema bbażata fuq l-informazzjoni dwar il-programmi tal-universitajiet Ewropej li, fost affarijiet oħra, tkun tirrapporta b'mod regolari lill-pubbliku dwar l-impjegabilità tal-istudenti f'kull programm; |

Or. de

**Emenda 165**
**Ramon Tremosa i Balcells**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Jissuġġerixxi li, minflok is-sistema għall-klassifikazzjoni globali tal-universitajiet, il-Kummissjoni tintroduċi sistema bbażata fuq l-informazzjoni dwar il-programmi tal-universitajiet Ewropej li, fost affarijiet oħra, tkun tirrapporta b'mod regolari lill-pubbliku dwar l-impjegabilità tal-istudenti f'kull programm; | 21. Jissuġġerixxi li, minflok is-sistema għall-klassifikazzjoni globali tal-universitajiet, il-Kummissjoni ***għandha tinkoraġġixxi l-ħolqien ta' sistema Ewropea għall-klassifikazzjoni tal-universitajiet u*** tintroduċi sistema bbażata fuq l-informazzjoni dwar il-programmi tal-universitajiet Ewropej li, fost affarijiet oħra, tkun tirrapporta b'mod regolari lill-pubbliku dwar l-impjegabilità tal-istudenti f'kull programm; |

Or. en

**Emenda 166**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 21. Jissuġġerixxi li, minflok is-sistema għall-klassifikazzjoni globali tal-universitajiet, il-Kummissjoni tintroduċi sistema bbażata fuq l-informazzjoni dwar il-programmi tal-universitajiet Ewropej li, fost affarijiet oħra, tkun tirrapporta b'mod regolari lill-pubbliku dwar ***l-impjegabilità tal-istudenti*** f'kull programm; | 21. Jissuġġerixxi li, minflok is-sistema għall-klassifikazzjoni globali tal-universitajiet, il-Kummissjoni tintroduċi sistema bbażata fuq l-informazzjoni dwar il-programmi tal-universitajiet Ewropej li, fost affarijiet oħra, tkun tirrapporta b'mod regolari lill-pubbliku dwar ***l-opportunitajiet ta' mobilità għall-istudenti*** f'kull programm ***u dwar l-impjegabilità tagħhom***; |

Or. fr

**Emenda 167**
**Georgios Papanikolaou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***21a. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li ż-żgħażagħ ikollhom aċċess ugwali għall-edukazzjoni u l-mobilità, irrispettivament mill-oriġini soċjali u l-mezzi ekonomiċi tagħhom;*** |

Or. el

**Emenda 168**
**Chrysoula Paliadeli**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***21. Jirrakkomanda lill-Kummissjoni li, waqt li twarrab ir-rekwiżiti tas-suq, għandha tinkoraġġixxi lill-universitajiet Ewropej jappoġġaw l-istudji umanistiċi, billi jiżguraw li jkunu integrati fil-kurrikuli f'kull livell;*** |

Or. el

**Emenda 169**
**Ramon Tremosa i Balcells**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***21a. Jisħaq fuq ir-rilevanza tal-universitajiet ibbażati fuq l-internet għall-istudenti; speċjalment għal dawk kollha li jgħixu fl-inħawi rurali u ġeografikament periferiċi;*** |

Or. en

**Emenda 170**
**Maria Badia i Cutchet, Eider Gardiazábal Rubial**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***21a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni twettaq l-isforzi kollha meħtieġa biex tlesti l-Ispazju Ewropew tar-Riċerka, waqt li tipprovdi aktar appoġġ għall-mobilità tar-riċerkaturi żgħażagħ sabiex tiġi promossa l-eċċellenza Ewropea fil-qasam tar-riċerka u jiżdied il-proporzjon baxx ta' riċerkaturi, u, b'mod partikulari, ta' riċerkaturi nisa, fil-forza tax-xogħol Ewropea;*** |

Or. es

**Emenda 171**
**Oriol Junqueras Vies**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***21a. Jemmen li hemm bżonn li l-Istati Membri jiżguraw li tkun disponibbli sistema ta' għotjiet li jippermettu l-aċċess għall-edukazzjoni ogħla għaż-żgħażagħ irġiel u nisa fuq bażi ekwa, bl-għan li tiġi evitata replikazzjoni tal-inugwaljanzi u b'enfasi speċjali fuq l-edukazzjoni terzjarja;*** |

Or. es

**Emenda 172**
**Sidonia Elżbieta Jędrzejewska**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 21 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***21a. Jistieden lill-Kummissjoni tuża d-Djalogu Strutturat dwar l-Edukazzjoni tal-ġejjieni biex tiżviluppa ulterjurment il-prijoritajiet għall-edukazzjoni ogħla fi ħdan l-istrateġija Ewropa 2020; u lill-istituzzjonijiet Ewropej isaħħu d-djalogu tagħhom mal-partijiet interessati fl-edukazzjoni ogħla biex jiddibattu l-prijoritajiet u l-azzjonijiet għall-edukazzjoni ogħla Ewropea;*** |

Or. en

**Emenda 173**
**Ramona Nicole Mănescu, Damien Abad, Eider Gardiazábal Rubial, Pablo Zalba Bidegain, Franziska Katharina Brantner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Jistieden lill-Istati Membri jimmodernizzaw u jżidu l-ġibda u l-kwalità tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali ***bħala reazzjoni għas-suq*** tax-xogħol li qed jinbidel, li sal-2020 se jirrikjedi għerf u kapaċitajiet ġodda bbażati fuq diplomi li għandhom ikunu rikonoxxuti reċiprokament fl-Istati Membri kollha; | 22. Jistieden lill-Istati Membri jimmodernizzaw u jżidu l-ġibda u l-kwalità tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali***, sabiex ikunu jistgħu jiġu adattati aħjar għall-ħtiġijiet attwali u futuri tas-suq*** tax-xogħol li qed jinbidel, li sal-2020 se jirrikjedi għerf u kapaċitajiet ġodda bbażati fuq diplomi li għandhom ikunu rikonoxxuti reċiprokament fl-Istati Membri kollha; |

Or. en

**Emenda 174**
**Hella Ranner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 22. Jistieden lill-Istati Membri jimmodernizzaw u jżidu l-ġibda u l-kwalità tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali bħala reazzjoni għas-suq tax-xogħol li qed jinbidel, li sal-2020 se jirrikjedi għerf u kapaċitajiet ġodda bbażati fuq diplomi li għandhom ikunu rikonoxxuti reċiprokament fl-Istati Membri kollha; | 22. Jistieden lill-Istati Membri jimmodernizzaw u jżidu l-ġibda u l-kwalità tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali bħala reazzjoni għas-suq tax-xogħol li qed jinbidel, li sal-2020 se jirrikjedi għerf u kapaċitajiet ġodda bbażati fuq diplomi li għandhom ikunu rikonoxxuti reċiprokament fl-Istati Membri kollha; ***f'dan ir-rigward, jenfasizza s-suċċess kbir tas-sistemi ta' edukazzjoni dupliċi fl-Istati Membri rispettivi;*** |

Or. en

**Emenda 175**
**Marco Scurria, Katarína Neveďalová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22a. Jistieden lill-Kummissjoni tuża d-Djalogu Strutturat dwar l-Edukazzjoni tal-ġejjieni biex tiżviluppa ulterjurment il-prijoritajiet għall-edukazzjoni ogħla fi ħdan l-istrateġija Ewropa 2020; u lill-istituzzjonijiet Ewropej isaħħu d-djalogu tagħhom mal-partijiet interessati fl-edukazzjoni ogħla biex jiddibattu l-prijoritajiet u l-azzjonijiet għall-edukazzjoni ogħla Ewropea;*** |

Or. en

**Emenda 176**
**Jutta Steinruck, Petra Kammerevert**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22a. Jenfasizza l-importanza li jsir possibbli fl-UE ir-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi skolastiċi, vokazzjonali u universitarji u l-kwalifiki ta' taħriġ ulterjuri biex tiżdied il-mobilità; jiddikjara li l-proċeduri ta' rikonoxximent iridu jitlestew fi żmien 12-il xahar;*** |

Or. de

**Emenda 177**
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 22 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***22a. Jindika li l-Parlament għandu jinżamm regolarment informat, permezz ta' "l-indikaturi tal-mobilità", dwar l-istadju li l-Istati Membri jkunu laħqu fl-isforzi tagħhom biex jeliminaw l-ostakli f'dan il-qasam, u jitlob biex miżuri bħas-Sistema Ewropea ta' Krediti għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali, il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki u s-Sistema Ewropea għall-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment ta' Krediti jiġu implimentati kif suppost sabiex jiġi ggarantit ir-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki u d-diplomi;*** |

Or. en

**Emenda 178**
**Marie-Thérèse Sanchez-Schmid**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. Jisħaq fuq l-importanza li jingħata appoġġ għall-mobilità fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali billi l-istudenti f'dan il-qasam jingħataw informazzjoni, pariri, gwida u strutturi ospitanti meta jkunu msefrin; | 23. Jisħaq fuq l-importanza li jingħata appoġġ għall-mobilità fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali billi l-istudenti f'dan il-qasam jingħataw informazzjoni, pariri, gwida u strutturi ospitanti meta jkunu msefrin; ***iqiegħed enfasi partikulari fuq il-ħtieġa li jiġu stabbiliti sħubijiet maċ-ċentri ta' tagħlim u l-organizzazzjonijiet tan-negozji bil-ħsieb li tiġi ggarantita d-disponibilità tal-opportunitajiet għal mobilità ta' kwalità għolja u li jsiru parti integrali mill-mogħdija tat-tagħlim;*** |

Or. fr

**Emenda 179**
**Ramona Nicole Mănescu, Damien Abad, Eider Gardiazábal Rubial, Pablo Zalba Bidegain, Franziska Katharina Brantner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 23. Jisħaq fuq l-importanza li jingħata appoġġ għall-mobilità fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali billi l-istudenti f'dan il-qasam jingħataw informazzjoni, pariri, gwida u strutturi ospitanti meta jkunu msefrin; | 23. Jisħaq fuq l-importanza li jingħata appoġġ għall-mobilità fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali***, inklużi l-apprendistati, u li l-mobilità ta' dan it-tip tkompli tissaħħaħ,*** billi l-istudenti ***u l-apprendisti*** f'dan il-qasam jingħataw informazzjoni, pariri, gwida u strutturi ospitanti meta jkunu msefrin; |

Or. en

**Emenda 180**
**Oriol Junqueras Vies**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 23 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***23a. Jemmen li, sabiex jiġi żgurat li l-kapaċitajiet u l-għerf jibqgħu fl-Ewropa, hemm bżonn li l-Istati Membri jipprovdu kundizzjonijiet favorevoli għall-istudenti dottorali u r-riċerkaturi li jaħdmu fl-universitajiet;*** |

Or. es

**Emenda 181**
**Marek Henryk Migalski**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 24. Jenfasizza d-diffikultajiet li wieħed jaffaċċja meta jgħaddi lejn l-edukazzjoni ogħla mill-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u jisħaq fuq il-fatt li l-istituzzjonijiet tat-tagħlim ***iridu jadattaw ruħhom biex*** jiffaċilitaw din it-tranżizzjoni ***b'mod aktar faċli***; | 24. Jenfasizza d-diffikultajiet li wieħed jaffaċċja meta jgħaddi lejn l-edukazzjoni ogħla mill-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u jisħaq fuq il-fatt li l-istituzzjonijiet tat-tagħlim ***għandhom*** jiffaċilitaw din it-tranżizzjoni; |

Or. pl

**Emenda 182**
**Milan Zver**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***24a. Jisħaq fuq il-fatt li, peress li jipprovdu liż-żgħażagħ bl-għerf u l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***kapaċitajiet, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u l-edukazzjoni u t-taħriġ ogħla jistgħu jtejbu l-motivazzjoni u l-ottimiżmu taż-żgħażagħ, kif ukoll jgħinuhom jibnu l-awtostima tagħhom;*** |

Or. en

**Emenda 183**
**Malika Benarab-Attou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***24a. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li ż-żgħażagħ kollha, hu x'inhu l-istatus tagħhom (student, apprendist, trainee, xi ħadd li qed ifittex xogħol, eċċ.), igawdu mill-istess vantaġġi bażiċi, b'mod partikulari fir-rigward tal-kopertura tal-assigurazzjoni tas-saħħa, l-akkomodazzjoni u l-aċċess għall-kultura;*** |

Or. fr

**Emenda 184**
**Marie-Thérèse Sanchez-Schmid**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***24a. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li ż-żgħażagħ kollha, hu x'inhu l-istatus tagħhom, igawdu mill-istess vantaġġi bażiċi, b'mod partikulari fir-rigward tal-kopertura tal-assigurazzjoni tas-saħħa, l-akkomodazzjoni u l-aċċess għall-kultura;*** |

Or. fr

**Emenda 185**
**Maria Badia i Cutchet, Eider Gardiazábal Rubial**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 24 a (ġdid) (wara s-sottotitolu "It-tranżizzjoni mill-edukazzjoni u t-taħriġ għax-xogħol")**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***24a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu x-xogħol volontarju billi, pereżempju, jagħtuh bażi ġuridika soda u jirrikonoxxuh bħala żmien ta' ħidma, biex b'hekk isir għażla valida għaż-żgħażagħ, speċjalment meta jkunu fi stat ta' qgħad;*** |

Or. es

**Emenda 186**
**Hannu Takkula**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 25. Jisħaq ***b'mod qawwi*** fuq il-fatt li d-dħul taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol ***bla intoppi*** jiddependi ***prinċipalment*** fuq ***il-modernizzazzjoni*** tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u l-universitajiet ***sabiex jiġi żgurat li l-programmi ta' studju tagħhom jikkorrispondu mal-ħtiġijiet*** tas-suq tax-xogħol; | 25. Jisħaq fuq il-fatt li d-dħul taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol jiddependi ***parzjalment*** fuq ***jekk il-programmi ta' tagħlim*** tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u l-universitajiet ***jirriflettux il-ħtiġijiet*** tas-suq tax-xogħol***, imma anke fuq il-kwalità tat-tagħlim***; |

Or. fi

**Emenda 187**
**Malika Benarab-Attou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 25. Jisħaq b'mod qawwi fuq il-fatt li d-dħul taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol bla intoppi jiddependi ***prinċipalment*** fuq ***il-modernizzazzjoni*** tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u l-universitajiet sabiex jiġi żgurat li l-programmi ta' studju tagħhom ***jikkorrispondu mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol***; | 25. Jisħaq b'mod qawwi fuq il-fatt li d-dħul taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol bla intoppi jiddependi fuq ***adegwament aħjar tas-sistemi edukattivi għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku fl-Istati Membri; għaldaqstant jixtieq involviment konġunt aktar b'saħħtu min-naħa*** tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u l-universitajiet sabiex jiġi żgurat li l-programmi ta' studju tagħhom ***joffru ambjent ta' tagħlim li jiffavorixxi l-awtonomija, il-kreattività u l-valorizzazzjoni tal-għerf***; |

Or. en

**Emenda 188**
**Rui Tavares**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 25. Jisħaq b'mod qawwi fuq il-fatt li d-dħul taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol ***bla intoppi*** jiddependi prinċipalment fuq ***il-modernizzazzjoni*** tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u l-universitajiet sabiex jiġi żgurat li l-programmi ta' studju tagħhom jikkorrispondu mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol; | 25. Jisħaq b'mod qawwi fuq il-fatt li d-dħul taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol jiddependi prinċipalment fuq ***il-pluralità tal-programmi u l-awtonomija*** tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u l-universitajiet sabiex jiġi żgurat li l-programmi ta' studju tagħhom jikkorrispondu mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol; |

Or. pt

**Emenda 189**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Jisħaq b'mod qawwi fuq il-fatt li d-dħul taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol bla intoppi jiddependi ***prinċipalment*** fuq ***il-modernizzazzjoni*** tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u l-universitajiet ***sabiex jiġi żgurat*** li l-programmi ta' studju tagħhom jikkorrispondu mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol; | 25. Jisħaq b'mod qawwi fuq il-fatt li d-dħul taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol bla intoppi jiddependi ***parzjalment*** fuq ***il-ħila*** tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u l-universitajiet ***li jiżguraw, fost affarijiet oħra,*** li l-programmi ta' studju tagħhom jikkorrispondu mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol; |

Or. fr

**Emenda 190**
**Georgios Papanikolaou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Jisħaq b'mod qawwi fuq il-fatt li d-dħul taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol bla intoppi jiddependi prinċipalment fuq il-modernizzazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u l-universitajiet sabiex jiġi żgurat li l-programmi ta' studju tagħhom jikkorrispondu mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol; | 25. Jisħaq b'mod qawwi fuq il-fatt li d-dħul taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol bla intoppi jiddependi prinċipalment fuq il-modernizzazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u l-universitajiet sabiex jiġi żgurat li l-programmi ta' studju tagħhom jikkorrispondu mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol ***u jinsab profondament imħasseb dwar l-interkonnessjoni inadegwata bejn l-edukazzjoni u s-suq tax-xogħol li, flimkien mal-kriżi ekonomika, hi prinċipalment responsabbli għall-fatt li r-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ ta' anqas minn 25 sena fil-livell Ewropew hi ta' 20%***; |

Or. el

**Emenda 191**
**Ramona Nicole Mănescu, Damien Abad, Eider Gardiazábal Rubial, Pablo Zalba Bidegain, Franziska Katharina Brantner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 25. Jisħaq b'mod qawwi fuq il-fatt li d-dħul taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol bla intoppi jiddependi prinċipalment fuq il-modernizzazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u l-universitajiet sabiex jiġi żgurat li l-programmi ta' studju tagħhom jikkorrispondu mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol; | 25. Jisħaq b'mod qawwi fuq il-fatt li d-dħul taż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol bla intoppi jiddependi prinċipalment fuq il-modernizzazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u l-universitajiet sabiex jiġi żgurat li l-programmi ta' studju tagħhom jikkorrispondu mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol***, kif ukoll fuq koperazzjoni b'saħħitha bejn dawn u l-ambjent kummerċjali***; |

Or. en

**Emenda 192**
**Oriol Junqueras Vies**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***25a. Jindika l-ħtieġa li l-universitajiet jiżviluppaw programmi li jħeġġu l-imprenditorjat fost l-istudenti permezz ta' programmi ta' taħriġ, u billi jwaqqfu punti ta' kuntatt mal-atturi finanzjarji li jkunu interessati li jappoġġaw proġetti innovattivi;*** |

Or. es

**Emenda 193**
**Ramon Tremosa i Balcells**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***25a. Jenfasizza l-importanza li jiġu llaxkati l-orarji tal-ħinijiet universitarji għall-istudenti li jkunu diġà bdew jaħdmu u li jridu jistudjaw fl-istess ħin;*** |

Or. en

**Emenda 194**
**Ramon Tremosa i Balcells**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 25 b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***25b. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tistabbilixxi programm onlajn li jgħin biex jinferxu l-aħjar prattiki fil-livelli reġjonali u lokali fir-rigward tal-politiki biex iż-żgħażagħ jiġu mgħejjuna jsibu impjieg;*** |

Or. en

**Emenda 195**
**Emma McClarkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 26**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***26. Jappoġġa b'mod qawwi l-mira tal-UE li 40% taż-żgħażagħ jispiċċaw l-edukazzjoni terzjarja (jiġifieri edukazzjoni ogħla u vokazzjonali)*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 196**
**Malika Benarab-Attou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 26**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 26. Jappoġġa b'mod qawwi l-mira tal-UE li 40% taż-żgħażagħ ***jispiċċaw l-edukazzjoni terzjarja (jiġifieri edukazzjoni ogħla u vokazzjonali)*** | 26. Jappoġġa b'mod qawwi l-mira tal-UE li 40% taż-żgħażagħ ***jiksbu kwalifika edukattiva jew kwalifika ekwivalenti;*** ***jikkunsidra li fi ħdan il-qafas tal-iskema "Żgħażagħ Attivi", għandha tingħata attenzjoni speċjali għat-taħriġ vokazzjonali u li għandhom jiġu stabbiliti objettivi ambizzjużi u kwantifikati b'referenza partikulari għall-objettivi tal-istrateġija UE 2020;*** |

Or. fr

**Emenda 197**
**Marie-Thérèse Sanchez-Schmid**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 26**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 26. Jappoġġa b'mod qawwi l-mira tal-UE li 40% taż-żgħażagħ ***jispiċċaw l-edukazzjoni terzjarja (jiġifieri edukazzjoni ogħla u vokazzjonali)*** | 26. Jappoġġa b'mod qawwi l-mira tal-UE li 40% taż-żgħażagħ ***jiksbu kwalifika edukattiva jew kwalifika ekwivalenti;*** |

Or. fr

**Emenda 198**
**Hella Ranner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 26**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 26. Jappoġġa b'mod qawwi l-mira tal-UE li 40% taż-żgħażagħ jispiċċaw l-edukazzjoni terzjarja (jiġifieri edukazzjoni ogħla u vokazzjonali) | 26. Jappoġġa b'mod qawwi l-mira tal-UE li 40% taż-żgħażagħ jispiċċaw l-edukazzjoni terzjarja ***jew ekwivalenti*** (jiġifieri edukazzjoni ogħla u vokazzjonali)*;* |

Or. en

**Emenda 199**
**Oriol Junqueras Vies**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 26 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***26a. Jistieden li ċ-ċentri tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u l-universitajiet biex jirfdu l-programmi ta' gwida għall-imprendituri żgħażagħ bl-esperjenzi ta' suċċess ta' imprendituri żgħażagħ li jkunu qed jitħarrġu;*** |

Or. es

**Emenda 200**
**Oriol Junqueras Vies**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 26 b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***26b. Jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw programmi li jinkoraġġixxu liż-żgħażagħ li twarrbu mis-suq tax-xogħol jerġgħu lura għall-edukazzjoni, u speċjalment għat-taħriġ vokazzjonali;*** |

Or. es

**Emenda 201**
**Jutta Steinruck, Petra Kammerevert**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 27. Jisħaq fuq l-importanza ta' strumenti ta' gwida għaż-żgħażagħ biex jgħinuhom fl-għażliet edukattivi u professjonali tagħhom mill-iskejjel primarji sa livelli ogħla ta' edukazzjoni u taħriġ sabiex jitħejjew aħjar għal tranżizzjoni bla intoppi lejn ħajja attiva; | 27. Jisħaq fuq l-importanza ta' strumenti ta' gwida għaż-żgħażagħ biex jgħinuhom fl-għażliet edukattivi u professjonali tagħhom mill-iskejjel primarji sa livelli ogħla ta' edukazzjoni u taħriġ sabiex jitħejjew aħjar għal tranżizzjoni bla intoppi lejn ħajja attiva; ***hu tal-fehma li għandhom jittieħdu miżuri biex jissaħħaħ ir-rwol tal-ambjent familjari u soċjali taż-żgħażagħ flimkien mal-iskola tagħhom biex jiggwidawhom fl-għażliet professjonali tagħhom u biex isibu xogħol; jenfasizza li t-tagħlim fuq bażi vokazzjonali fl-iskejjel, it-trasferiment ta' informazzjoni vokazzjonalment rilevanti permezz tal-identifikazzjoni u t-trawwim tal-attitudnijiet u l-kapaċitajiet u l-forniment ta' taħriġ biex dak li jkun japplika għal xogħol għandhom rwol partikolarment importanti x'jiżvolġu fit-tħejjija taż-żgħażagħ għas-suq tax-xogħol; jindika li, sabiex jinkiseb dak l-objettiv, f'ħafna każi hu rikjest appoġġ imfassal fuq bażi individwali, fil-forma ta' pariri għaż-żgħażagħ li jkunu qed jagħżlu karriera u jibdew jaħdmu;*** |

Or. de

**Emenda 202**
**Nadja Hirsch**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 27. Jisħaq fuq l-importanza ta' strumenti ta' | 27. Jisħaq fuq l-importanza ta' strumenti ta' |

| | |
|---|---|
| gwida għaż-żgħażagħ biex jgħinuhom fl-għażliet edukattivi u professjonali tagħhom mill-iskejjel primarji sa livelli ogħla ta' edukazzjoni u taħriġ sabiex jitħejjew aħjar għal tranżizzjoni bla intoppi lejn ħajja attiva; | gwida għaż-żgħażagħ biex jgħinuhom fl-għażliet edukattivi u professjonali tagħhom mill-iskejjel primarji sa livelli ogħla ta' edukazzjoni u taħriġ sabiex jitħejjew aħjar għal tranżizzjoni bla intoppi lejn ħajja attiva; ***jisħaq ukoll, f'dan ir-rigward, fuq l-importanza ta' miżuri ta' appoġġ, bħal gwidar jew trejnjar, biex iż-żgħażagħ isiru familjari mal-proċess biex japplikaw għal xogħol u jitħejjew għalih;*** |

Or. de

**Emenda 203**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***27a. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi miġġieled, f'kull livell, l-għoti ta' gwida professjonali bbażata biss fuq kriterji ta' ġeneru u li ż-żgħażagħ kollha, kemm maskili u kemm femminili, jingħataw prospettiva globali komprensiva tat-toroq professjonali disponibbli għalihom;*** |

Or. fr

**Emenda 204**
**Jutta Steinruck, Petra Kammerevert**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***27a. Jisħaq fuq il-fatt li s-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet għaż-żgħażagħ iridu jieħdu miżuri biex il-ġenituri u l-iskejjel ikunu jistgħu jġibu ruħhom ta' konsulenti professjonali effikaċi ferm sew qabel ma*** |

***t-tfal jew l-istudenti tagħhom isibu ruħhom wiċċ imb'wiċċ mat-tranżizzjoni għat-taħriġ vokazzjonali; jindika li, fil-każ ta' żgħażagħ bi bżonnijiet speċjali, il-miżuri ta' appoġġ iridu jitfasslu speċifikament għall-ġenituri u l-ambjent soċjali tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam mal-lingwaġġ u l-kontentut; jenfasizza l-importanza tat-taħriġ informali fin-networks ta' bejn pari, b'mod partikulari l-assoċjazzjonijiet organizzati għaż-żgħażagħ, biex jgħin liż-żgħażagħ jiżviluppaw il-kapaċitajiet soċjali li jeħtieġu bħala għajnuna biex jagħżlu karriera u biex jaffrontaw it-tranżizzjoni għall-ħajja tax-xogħol, jekk hux permezz ta' attivitajiet ta' divertiment fi grupp, ta' laqgħat internazzjonali jew ta' ħidma soċjali volontarja;***

Or. de

**Emenda 205**
**Jutta Steinruck, Petra Kammerevert**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27 b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***27b. Hu tal-fehma li l-għażliet okkupazzjonali jridu jiġu influwenzati anqas mill-ġeneru, li jridu jittieħdu miżuri li jippreżentaw liż-żgħażagħ bi prospettiva globali komprensiva tal-possibilitajiet professjonali u li, minn età żgħira, għandu jsir it-tentattiv li jitqajjem interess u jingħata appoġġ lill-bniet, b'mod partikulari, fil-professjonijiet matematiċi u tekniċi; jenfasizza li, fid-dawl tan-nuqqas ta' ħaddiema ta' kapaċità fil-ġejjieni, iridu jittieħdu miżuri speċifiċi biex jitrawwem il-potenzjal tal-bniet u n-nisa; b'mod partikulari, iridu jiġu implimentati programmi ta' appoġġ speċifiku biex jiġu megħluba d-dubji tan-*** |

| | |
|---|---|
| | ***nisa u l-bniet innifshom dwar jekk humiex adatti għall-professjonijiet xjentifiċi u tekniċi;*** |

Or. de

**Emenda 206**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 28**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 28. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni terzjarja jintroduċu perjodu ta' *traineeship* ta' kwalità għolja fil-programmi ta' studju ***kollha*** sabiex jippermettu li ż-żgħażagħ ***jiltaqgħu minn qabel mad-domandi reali u prattiċi tal-ambjent*** tax-xogħol; | 28. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni terzjarja jintroduċu perjodu ta' *prattika* ta' kwalità għolja fil-programmi ta' studju ***xierqa*** sabiex jippermettu li ż-żgħażagħ ***iħejju lilhom infushom għall-ħajja*** tax-xogħol***, imma jindika li dawn il-perjodi ta' prattika ma jistgħux jieħdu post xogħlijiet ta' vera u jridu jingħaqdu ma' paga u ħarsien soċjali xierqa;*** |

Or. fr

**Emenda 207**
**Rui Tavares**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 28**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 28. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni terzjarja jintroduċu perjodu ta' *traineeship* ta' kwalità għolja fil-programmi ta' studju ***kollha*** sabiex jippermettu li ż-żgħażagħ jiltaqgħu minn qabel mad-domandi reali u prattiċi tal-ambjent tax-xogħol; | 28. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni terzjarja jintroduċu perjodu ta' *prattika* ta' kwalità għolja ***u mħallas b'mod xieraq*** fil-programmi ta' studju ***li jkunu vallapena*** sabiex jippermettu li ż-żgħażagħ jiltaqgħu minn qabel mad-domandi reali u prattiċi tal-ambjent tax-xogħol; |

Or. pt

**Emenda 208**
**Emma McClarkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 28**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 28. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni terzjarja jintroduċu perjodu ta' *traineeship* ta' kwalità għolja fil-programmi ta' studju ***kollha*** sabiex jippermettu li ż-żgħażagħ jiltaqgħu minn qabel mad-domandi reali u prattiċi tal-ambjent tax-xogħol; | 28. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni terzjarja jintroduċu perjodu ta' *prattika* ta' kwalità għolja fil-programmi ta' studju sabiex jippermettu li ż-żgħażagħ jiltaqgħu minn qabel mad-domandi reali u prattiċi tal-ambjent tax-xogħol; |

Or. en

**Emenda 209**
**Ramona Nicole Mănescu, Damien Abad, Eider Gardiazábal Rubial, Pablo Zalba Bidegain, Franziska Katharina Brantner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 28**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 28. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni terzjarja jintroduċu perjodu ta' *traineeship* ta' kwalità għolja fil-programmi ta' studju kollha sabiex jippermettu li ż-żgħażagħ jiltaqgħu minn qabel mad-domandi reali u prattiċi tal-ambjent tax-xogħol; | 28. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni terzjarja jintroduċu perjodu ta' *prattika* ta' kwalità għolja fil-programmi ta' studju kollha sabiex jippermettu li ż-żgħażagħ jiltaqgħu minn qabel mad-domandi reali u prattiċi tal-ambjent tax-xogħol ***u jiksbu l-kapaċitajiet meħtieġa biex jidħlu fis-suq tax-xogħol***; |

Or. en

**Emenda 210**
**Róża Gräfin von Thun und Hohenstein, Piotr Borys**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 28**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 28. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni terzjarja jintroduċu perjodu ta' *traineeship* ta' kwalità għolja fil-programmi ta' studju kollha sabiex jippermettu li ż-żgħażagħ jiltaqgħu minn qabel mad-domandi reali u prattiċi tal-ambjent tax-xogħol; | 28. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni terzjarja jintroduċu perjodu ta' *prattika* ta' kwalità għolja fil-programmi ta' studju kollha sabiex jippermettu li ż-żgħażagħ jiltaqgħu minn qabel mad-domandi reali u prattiċi tal-ambjent tax-xogħol ***u jisħaq fuq il-bżonn li s-suq tax-xogħol jirrikonoxxi dan it-tip ta' perjodi ta' prattika***; |

Or. pl

**Emenda 211**
**Ramon Tremosa i Balcells**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 28**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 28. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni terzjarja jintroduċu perjodu ta' *traineeship* ta' kwalità għolja fil-programmi ta' studju kollha sabiex jippermettu li ż-żgħażagħ jiltaqgħu minn qabel mad-domandi reali u prattiċi tal-ambjent tax-xogħol; | 28. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni terzjarja jintroduċu perjodu ta' *prattika* ta' kwalità għolja fil-programmi ta' studju kollha sabiex jippermettu li ż-żgħażagħ jiltaqgħu minn qabel mad-domandi reali u prattiċi tal-ambjent tax-xogħol; ***dawn il-perjodi ta' prattika għandhom ikunu dejjem imħallsa sabiex jiġi evitat li tinħoloq forza tax-xogħol żagħżugħa tat-tieni klassi;*** |

Or. en

**Emenda 212**
**Oriol Junqueras Vies**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 28**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 28. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni terzjarja jintroduċu perjodu ta' *traineeship* ta' kwalità għolja fil-programmi ta' studju kollha sabiex jippermettu li ż-żgħażagħ jiltaqgħu minn qabel mad-domandi reali u prattiċi tal-ambjent tax-xogħol; | 28. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni terzjarja jintroduċu perjodu ta' *prattika* ta' kwalità għolja fil-programmi ta' studju kollha sabiex jippermettu li ż-żgħażagħ jiltaqgħu minn qabel mad-domandi reali u prattiċi tal-ambjent tax-xogħol; ***jistieden bl-istess mod lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki li jippromwovu r-reklutaġġ taż-żgħażagħ;*** |

Or. es

**Emenda 213**
**Cătălin Sorin Ivan**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 28**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 28. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni terzjarja jintroduċu perjodu ta' *traineeship* ta' kwalità għolja fil-programmi ta' studju kollha sabiex jippermettu li ż-żgħażagħ jiltaqgħu minn qabel mad-domandi reali u prattiċi tal-ambjent tax-xogħol; | 28. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni terzjarja jintroduċu perjodu ta' *prattika* ta' kwalità għolja fil-programmi ta' studju kollha sabiex jippermettu li ż-żgħażagħ jiltaqgħu minn qabel mad-domandi reali u prattiċi tal-ambjent tax-xogħol, ***speċjalment biex ikunu jistgħu jkollhom aċċess għax-xogħlijiet li jirrikjedu kwalifiki ta' livell għoli***; |

Or. en

**Emenda 214**
**Katarína Neveďalová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 28 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***28a. Jappoġġa b'mod qawwi l-mira tal-*** |

*UE li 40% taż-żgħażagħ ilestu l-edukazzjoni terzjarja (jiġifieri edukazzjoni ogħla u vokazzjonali), u jistieden lill-Kummissjoni tittrasforma lis-CEDEFOP f'aġenzija tal-UE għall-edukazzjoni li tipprovdi appoġġ u gwida lill-Istati Membri u lill-partijiet interessati fil-qasam tal-edukazzjoni biex tittejjeb il-kwalità ta' kull tip ta' edukazzjoni fl-Ewropa;*

Or. en

**Emenda 215**
**Ramon Tremosa i Balcells**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 28 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***28a. Jinkoraġġixxi l-ħolqien ta' programm, simili għall-Erasmus u indirizzat lejn iż-żgħażagħ li qed jidħlu fis-suq tax-xogħol, sabiex tiżdied il-mobilità fl-ewwel snin tal-ħajja tax-xogħol;*** |

Or. en

**Emenda 216**
**Ramona Nicole Mănescu, Damien Abad, Eider Gardiazábal Rubial, Pablo Zalba Bidegain, Franziska Katharina Brantner**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 28 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***28a. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi inizjattivi fil-livell Ewropew għar-rikonoxximent tal-perjodu ta' prattika bħala perjodu ta' xogħol fil-fergħat tas-Sigurtà Soċjali, kif diġà qed*** |

*jagħmlu xi Stati Membri;*

Or. en

**Emenda 217**
**Iosif Matula**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 28 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***28a. Jemmen li hu vitali li jiġu appoġġati l-inizjattivi tas-settur privat immirati lejn iż-żgħażagħ, bil-ħsieb tal-ħolqien tal-impjiegi u l-inklużjoni soċjali;*** |

Or. ro

**Emenda 218**
**Marco Scurria, Katarína Neveďalová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 29 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***29a. Jappoġġa b'mod qawwi l-mira tal-UE li 40% taż-żgħażagħ ilestu l-edukazzjoni terzjarja (jiġifieri edukazzjoni ogħla u vokazzjonali), u jistieden lill-Kummissjoni tittrasforma lis-CEDEFOP f'aġenzija tal-UE għall-edukazzjoni li tipprovdi appoġġ lill-Istati Membri u lill-partijiet interessati fil-qasam tal-edukazzjoni biex tittejjeb il-kwalità ta' kull tip ta' edukazzjoni fl-Ewropa;*** |

Or. en

**Emenda 219**
**Chrysoula Paliadeli**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 29 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***29a. Jindika l-ħtieġa li l-istorja u l-kultura Ewropej jintużaw bħala għodda eċċellenti għall-intensifikazzjoni tal-integrazzjoni Ewropea;*** |

Or. el

**Emenda 220**
**Chrysoula Paliadeli**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 29 b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***29b. Jisħaq fuq l-obbligu ta' Ewropa magħquda li tappoġġa l-isforzi tal-universitajiet Ewropej biex jikkoperaw fl-istudji umanistiċi;*** |

Or. el

**Emenda 221**
**Chrysoula Paliadeli**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 29 c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***29c. Jikkunsidra li, jekk il-kontribut tal-Ewropa għall-patrimonju dinji jiġi enfasizzat permezz tal-kurrikuli universitarji, dan iservi ta' għajnuna biex jiġu attratti żgħażagħ minn kontinenti oħrajn, fatt li jirriżulta fit-tkabbir tat-turiżmu u l-komunikazzjoni*** |

| | |
|---|---|
| | ***interkulturali;*** |

Or. el

**Emenda 222**
**Chrysoula Paliadeli**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 29 d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***29d. Jindika l-possibilità li l-patrimonju kulturali Ewropew jintuża biex jinħolqu kapaċitajiet vokazzjonali innovattivi ġodda;*** |

Or. el

**Emenda 223**
**Marie-Christine Vergiat**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 29 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***29a. Jinnota l-proposta tal-Kummissjoni biex l-Istati Membri jitħeġġu jintroduċu "garanzija għaż-żgħażagħ", li l-iskop tagħha jkun li tiżgura li, fi żmien erba' xhur minn meta jitilqu mill-iskola, iż-żgħżagħ kollha jiġu offruti, abbażi ta' valutazzjoni personalizzata, kors ta' edukazzjoni ogħla, kors ta' taħriġ vokazzjonali jew impjieg b'paga ġusta; jemmen li kwalunkwe arranġament ta' dan it-tip irid ikun ibbażat fuq għażla libera u informata;*** |

Or. fr

**Emenda 224**
**Emma McClarkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 29 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***29a. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jinkoraġġixxu l-iżvilupp u t-taħriġ imprenditorjali fl-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni ogħla, peress li ż-żieda tan-numri ta' imprendituri fl-Ewropea se tkun essenzjali għall-irkupru ekonomiku u t-tkabbir;*** |

Or. en

**Emenda 225**
**Milan Zver**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 29 a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***29a. Jemmen li s-sistemi għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja jistgħu jgħinu jżidu ċ-ċansijiet għaż-żgħażagħ li jsibu xogħol sodisfaċenti, li konsegwentement iżid il-fiduċja taż-żgħażagħ fil-ġejjieni, jagħti spinta lill-kreattività tagħhom u għaldaqstant jikkontribwixxi għall-prosperità tas-soċjetà;*** |

Or. en